Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2022/0400(COD)

12.10.2023

OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards għall-korpi tal-ugwaljanza fil-qasam tat-trattament ugwali u l-opportunitajiet indaqs bejn in-nisa u l-irġiel fi kwistjonijiet ta' impjieg u xogħol, u li tħassar l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2006/54/KE u l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2010/41/UE
(COM(2022)0688 – C9-0409/2022 – 2022/0400(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Alice Kuhnke

PA_Legam

EMENDI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u lill-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi, bħala l-kumitati responsabbli, biex jieħdu inkunsiderazzjoni dan li ġej:

Emenda 1

Proposta għal direttiva
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) It-Trattati u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jirrikonoxxu d-dritt għall-ugwaljanza u d-dritt għan-nondiskriminazzjoni bħala valuri essenzjali tal-Unjoni[57] ***, u*** l-Unjoni diġà adottat diversi Direttivi dwar il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni.	(1) It-Trattati u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jirrikonoxxu d-dritt għall-ugwaljanza u d-dritt għan-nondiskriminazzjoni bħala valuri essenzjali tal-Unjoni***[1],*** l-Unjoni diġà adottat diversi Direttivi dwar il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni***, iżda għad trid tadotta Direttiva dwar it-Trattament Ugwali orizzontali lil hinn mill-qasam tal-impjieg u x-xogħol, li tkopri r-raġunijiet ipprojbiti kollha***.
[57] L-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("TUE"), l-Artikoli 8 u 10 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE"), u l-Artikoli 21, 23 u 26 tal-Karta.	[57] L-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("TUE"), l-Artikoli 8 u 10 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE"), u l-Artikoli 21, 23 u 26 tal-Karta.

Emenda 2

Proposta għal direttiva
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Il-Qorti tal-Ġustizzja affermat li l-kamp ta' applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa ma jistax jiġi ristrett għall-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni bbażata fuq il-fatt li persuna tkun ta' sess jew ieħor. Fid-dawl

	tal-għan tiegħu u tan-natura tad-drittijiet li jfittex li jissalvagwardja, dan japplika wkoll għad-diskriminazzjoni abbażi tal-identità tal-ġeneru, tal-espressjoni tal-ġeneru, jew tal-karatteristika tas-sess ta' persuna.

Emenda 3

Proposta għal direttiva
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Id-Direttivi 2006/54/KE u 2010/41/UE jirrikjedu li l-Istati Membri jaħtru korp wieħed jew aktar għall-promozzjoni tat-trattament ugwali, inklużi l-analiżi, il-monitoraġġ u l-appoġġ tat-trattament ugwali tal-persuni kollha mingħajr diskriminazzjoni għar-raġunijiet koperti mid-Direttivi rispettivi (minn hawn 'il quddiem "il-korpi tal-ugwaljanza"). Dawn jirrikjedu li l-Istati Membri jiżguraw li l-kompetenzi ta' dawn il-korpi jinkludu l-għoti ta' assistenza indipendenti lill-vittmi, it-twettiq ta' stħarriġ indipendenti dwar id-diskriminazzjoni, il-pubblikazzjoni ta' rapporti indipendenti u l-ħruġ ta' rakkomandazzjonijiet dwar kwalunkwe kwistjoni relatata ma' tali diskriminazzjoni. Huma jeħtieġu wkoll li l-Istati Membri jiżguraw li l-kompiti ta' dawn il-korpi jinkludu l-iskambju ta' informazzjoni ma' korpi Ewropej korrispondenti, bħall-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi.	(6) Id-Direttivi 2006/54/KE u 2010/41/UE jirrikjedu li l-Istati Membri jaħtru korp wieħed jew aktar għall-promozzjoni tat-trattament ugwali, inklużi l-analiżi, il-monitoraġġ u l-appoġġ tat-trattament ugwali tal-persuni kollha mingħajr diskriminazzjoni għar-raġunijiet koperti mid-Direttivi rispettivi (minn hawn 'il quddiem "il-korpi tal-ugwaljanza"). Dawn jirrikjedu li l-Istati Membri jiżguraw li l-kompetenzi ta' dawn il-korpi jinkludu l-għoti ta' assistenza indipendenti lill-vittmi, it-twettiq ta' stħarriġ indipendenti dwar id-diskriminazzjoni, il-pubblikazzjoni ta' rapporti indipendenti u l-ħruġ ta' rakkomandazzjonijiet dwar kwalunkwe kwistjoni relatata ma' tali diskriminazzjoni. Huma jeħtieġu wkoll li l-Istati Membri jiżguraw li l-kompiti ta' dawn il-korpi jinkludu l-iskambju ta' informazzjoni ma' korpi Ewropej korrispondenti, bħall-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi ***u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA)***.

Emenda 4

Proposta għal direttiva
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Id-Direttivi 2006/54/KE u 2010/41/UE jħallu marġni wiesa' ta' diskrezzjoni lill-Istati Membri fir-rigward tal-istruttura u l-funzjonament tal-korpi tal-ugwaljanza. Dan iwassal għal differenzi sinifikanti bejn il-korpi tal-ugwaljanza stabbiliti fl-Istati Membri, f'termini tal-mandati, il-kompetenzi, l-istrutturi, ir-riżorsi u l-funzjonament operazzjonali tal-korpi tal-ugwaljanza. Dan, min-naħa tiegħu, ifisser li l-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni tvarja minn Stat Membru għal ieħor.	(9) Id-Direttivi 2006/54/KE u 2010/41/UE jħallu marġni wiesa' ta' diskrezzjoni lill-Istati Membri fir-rigward tal-istruttura u l-funzjonament tal-korpi tal-ugwaljanza. Dan iwassal għal differenzi sinifikanti bejn il-korpi tal-ugwaljanza stabbiliti fl-Istati Membri, f'termini tal-mandati, il-kompetenzi, l-istrutturi, ir-riżorsi u l-funzjonament operazzjonali tal-korpi tal-ugwaljanza. Dan, min-naħa tiegħu, ifisser li l-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni tvarja minn Stat Membru għal ieħor, ***u dan jirriżulta fi protezzjoni mhux ugwali tal-vittmi tad-diskriminazzjoni madwar l-Unjoni u f'implimentazzjoni mhux adegwata tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar it-trattament ugwali. Bil-għan li tiġi żgurata protezzjoni olistika, effettiva u komprensiva kontra d-diskriminazzjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jippromwovu u jiffinanzjaw lill-korpi ta' ugwaljanza biex ikopru r-raġunijiet kollha ta' diskriminazzjoni f'konformità man-natura mhux eżawrjenti tal-Artikolu 21 tal-Karta.***

Emenda 5

Proposta għal direttiva
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Din id-Direttiva jenħtieġ li tapplika għall-azzjoni tal-korpi tal-ugwaljanza fir-rigward tal-kwistjonijiet koperti mid-Direttivi 2006/54/KE u 2010/41/UE. L-istandards jenħtieġ li jikkonċernaw biss il-funzjonament tal-korpi tal-ugwaljanza u jenħtieġ li ma jestendux il-kamp ta' applikazzjoni materjali jew personali ta' dawk id-Direttivi.	(12) Din id-Direttiva jenħtieġ li tapplika għall-azzjoni tal-korpi tal-ugwaljanza fir-rigward tal-kwistjonijiet koperti mid-Direttivi 2006/54/KE u 2010/41/UE. L-istandards jenħtieġ li jikkonċernaw biss il-funzjonament tal-korpi tal-ugwaljanza u jenħtieġ li ma jestendux il-kamp ta' applikazzjoni materjali jew personali ta' dawk id-Direttivi. ***F'għadd ta' Stati Membri, bħala prattika tajba u biex tiġi segwita interpretazzjoni wiesgħa mill-QĠUE tar-raġuni ta' "sess", il-korpi tal-***

ugwaljanza għandhom ukoll il-kompetenza li jippromwovu l-ugwaljanza u jindirizzaw id-diskriminazzjoni abbażi tal-identità u l-espressjoni tal-ġeneru u l-karatteristiċi tas-sess[13a]. Madankollu, dan mhuwiex il-każ fl-Istati Membri kollha, li jwassal għal livelli differenti ta' protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni fir-rigward tal-kwistjonijiet koperti minn dawk id-Direttivi madwar l-Unjoni.

[13a] Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-30 ta' April 1994, P vs S, C-13/94, ECLI:EU:C:1996:170; Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Jannar 2004, K.B., C-117/01, ECLI:EU:C:2004:7; Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-27 ta' April 2006, Richards, C-423/04, ECLI:EU:C:2006:256; Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-26 ta' Ġunju 2018, MB, C-451/16, ECLI:EU:C:2018:492.

Emenda 6

Proposta għal direttiva
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Id-Direttiva ***proposta biex tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali bejn l-irġiel u n-nisa permezz ta' trasparenza fil-pagi u mekkaniżmi ta' infurzar[69]*** jenħtieġ li titqies bħala lex specialis għad-dispożizzjonijiet ta' infurzar tad-Direttiva 2006/54/KE li se jiġu sostitwiti b'din id-Direttiva. Kwalunkwe standard minimu ogħla stabbilit mid-Direttiva ***futura*** dwar it-Trasparenza fil-Pagi għall-korpi tal-ugwaljanza fi kwistjonijiet relatati ma' paga ugwali għall-istess xogħol jew xogħol ta' valur ugwali, inkluż fit-trasparenza fil-pagi, meta mqabbel ma' dawk stabbiliti f'din id-Direttiva, jenħtieġ li jipprevali fuq	(14) Id-Direttiva ***(UE) 2023/970[14a]*** jenħtieġ li titqies bħala lex specialis għad-dispożizzjonijiet ta' infurzar tad-Direttiva 2006/54/KE li se jiġu sostitwiti b'din id-Direttiva. Kwalunkwe standard minimu ogħla stabbilit mid-Direttiva dwar it-Trasparenza fil-Pagi għall-korpi tal-ugwaljanza fi kwistjonijiet relatati ma' paga ugwali għall-istess xogħol jew xogħol ta' valur ugwali, inkluż fit-trasparenza fil-pagi, meta mqabbel ma' dawk stabbiliti f'din id-Direttiva, jenħtieġ li jipprevali fuq dawk stabbiliti f'din id-Direttiva.

dawk stabbiliti f'din id-Direttiva.

_____

*69 **Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għat-tisħiħ tal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali bejn l-irġiel u n-nisa permezz ta' trasparenza fil-pagi u mekkaniżmi ta' infurzar (COM/2021/93 final).***

_____

*14a **Id-Direttiva (UE) 2023/970 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li ssaħħaħ l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali bejn l-irġiel u n-nisa permezz ta' trasparenza fil-pagi u mekkaniżmi ta' infurzar, ĠU L 132, 17.5.2023, p. 21.***

Emenda 7

Proposta għal direttiva
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Fil-promozzjoni tat-trattament ugwali, il-prevenzjoni tad-diskriminazzjoni u l-assistenza lill-vittmi tad-diskriminazzjoni, il-korpi tal-ugwaljanza jenħtieġ li jagħtu attenzjoni partikolari lid-diskriminazzjoni bbażata fuq diversi raġunijiet protetti mid-Direttivi 79/7/KEE, 2000/43/KE, 2000/78/KE, 2004/113/KE, 2006/54/KE u 2010/41/UE.	(15) Fil-promozzjoni tat-trattament ugwali, il-prevenzjoni tad-diskriminazzjoni u l-assistenza lill-vittmi tad-diskriminazzjoni, il-korpi tal-ugwaljanza jenħtieġ li jagħtu attenzjoni partikolari lid-diskriminazzjoni ***multipla u intersezzjonali*** bbażata fuq ***kombinament ta'*** diversi raġunijiet protetti mid-Direttivi 79/7/KEE, 2000/43/KE, 2000/78/KE, 2004/113/KE, 2006/54/KE u 2010/41/UE***, kif ukoll fil-Karta, filwaqt li jiġi rikonoxxut li d-diskriminazzjoni spiss taffettwa lill-persuni abbażi ta' aktar minn raġuni waħda, u dan joħloq żvantaġġ speċifiku***. ***L-inkorporazzjoni ta' approċċ intersezzjonali hija kruċjali biex wieħed jifhem l-inugwaljanzi soċjali, l-esklużjoni u d-diskriminazzjoni minn perspettiva komprensiva, sistemika jew strutturali, filwaqt li jingħeleb approċċ kontra d-***

diskriminazzjoni li jkun ibbażat fuq assi waħda, li jnaqqas is-sinifikat tad-dimensjonijiet istituzzjonali u storiċi tiegħu. Il-korpi tal-ugwaljanza jenħtieġ li jiżguraw enfasi ċara u xierqa fuq kull waħda mir-raġunijiet koperti u fuq l-intersezzjonijiet bejniethom. Id-dispożizzjonijiet relatati mad-diskriminazzjoni intersezzjonali fid-Direttiva (UE) 2023/970 jenħtieġ li jitqiesu fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

Emenda 8

Proposta għal direttiva
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Il-korpi tal-ugwaljanza jistgħu jaqdu r-rwol tagħhom b'mod effettiv biss jekk ikunu jistgħu jaġixxu b'indipendenza sħiħa mingħajr ma jkunu suġġetti għal xi influwenza esterna. Għal dak il-għan, l-Istati Membri jenħtieġ li jqisu għadd ta' kriterji li ***jikkontribwixxu għall-indipendenza*** tal-korpi tal-ugwaljanza. Il-korpi tal-ugwaljanza jenħtieġ li ma jiġux stabbiliti bħala parti minn ministeru jew korp li jieħu struzzjonijiet direttament mill-gvern. Kwalunkwe membru tal-persunal jew persuna li jkollha pożizzjoni maniġerjali – pereżempju ***bħala*** membru ta' bord li jmexxi ***l-korp*** tal-ugwaljanza, ***kap tal-korp*** tal-ugwaljanza, viċi jew ***f'każ ta'*** interim – jenħtieġ li tkun ***indipendenti, kwalifikata għall-pożizzjoni tagħha, u*** magħżula permezz ta' ***proċess*** trasparenti. Jenħtieġ li l-korpi tal-ugwaljanza jkunu jistgħu jimmaniġġjaw il-baġit u r-riżorsi tagħhom stess, inkluż billi jagħżlu u jimmaniġġjaw il-persunal tagħhom stess, u jkunu jistgħu jistabbilixxu l-prijoritajiet tagħhom stess.	(16) Il-korpi tal-ugwaljanza jistgħu jaqdu r-rwol tagħhom b'mod effettiv biss jekk ikunu jistgħu ***jieħdu deċiżjonijiet u*** jaġixxu b'indipendenza sħiħa mingħajr ma jkunu suġġetti għal xi influwenza esterna***, b'mod speċjali dik politika***. Għal dak il-għan, l-Istati Membri jenħtieġ li jqisu għadd ta' kriterji li ***jiżguraw l-indipendenza*** tal-korpi tal-ugwaljanza. Il-korpi tal-ugwaljanza jenħtieġ li ma jiġux stabbiliti bħala parti minn ministeru jew korp li jieħu struzzjonijiet direttament mill-gvern. Kwalunkwe membru tal-persunal jew persuna li jkollha pożizzjoni maniġerjali – pereżempju membru ta' bord li jmexxi ***l-korpi*** tal-ugwaljanza, ***kapijiet tal-korpi*** tal-ugwaljanza, viċi ***kapijiet*** jew ***kapijiet*** interim ***tal-korpi tal-ugwaljanza*** – jenħtieġ li tkun magħżula permezz ta' ***proċeduri ta' kompetizzjoni miftuħa bbażati fuq il-mertu u*** trasparenti. Jenħtieġ li l-korpi tal-ugwaljanza jkunu jistgħu ***jiddeċiedu l-istruttura interna tagħhom u jiddeċiedu kif*** jimmaniġġjaw il-baġit u r-riżorsi tagħhom stess, inkluż billi jagħżlu u jimmaniġġjaw il-persunal tagħhom stess, u jkunu jistgħu jistabbilixxu l-prijoritajiet tagħhom stess ***filwaqt li jitqiesu l-***

prijoritajiet tal-Unjoni dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

Emenda 9

Proposta għal direttiva
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Sabiex jiġi żgurat li l-korpi tal-ugwaljanza jkunu jistgħu jeżerċitaw il-kompetenzi kollha tagħhom u jissodisfaw il-kompiti kollha tagħhom, ***l-Istati Membri*** jenħtieġ li ***jiżguraw li*** l-istruttura interna ***tal-korpi tal-ugwaljanza tippermetti*** l-eżerċizzju indipendenti tad-diversi kompetenzi tagħhom. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lil sitwazzjonijiet fejn il-korpi jkunu meħtieġa kemm li jkunu imparzjali kif ukoll li joffru appoġġ lill-vittmi. Dan huwa partikolarment rilevanti meta l-korp tal-ugwaljanza jkollu setgħat ta' teħid ta' deċiżjonijiet vinkolanti li jeħtieġu imparzjalità jew meta jkun parti minn korp b'diversi mandati fejn mandat ieħor ikun jeħtieġ imparzjalità. Struttura interna li tiżgura separazzjoni stretta bejn il-kompetenzi u l-kompiti rilevanti jenħtieġ li tiggarantixxi li l-korp tal-ugwaljanza jkun jista' jeżerċitahom b'mod effettiv.	(17) Sabiex jiġi żgurat li l-korpi tal-ugwaljanza jkunu jistgħu jeżerċitaw il-kompetenzi kollha tagħhom u jissodisfaw il-kompiti kollha tagħhom, ***huma*** jenħtieġ li ***jkunu jistgħu jiddeterminaw*** l-istruttura interna ***tagħhom b'mod li jippermetti*** l-eżerċizzju indipendenti tad-diversi kompetenzi tagħhom ***fosthom il-kompetenzi tat-teħid tad-deċiżjonijiet, inkluż it-tgawdija sħiħa tal-kompetenzi tal-promozzjoni, tal-prevenzjoni, ta' appoġġ u ta' litigazzjoni fl-usa' kamp ta' applikazzjoni tagħhom***. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lil sitwazzjonijiet fejn il-korpi jkunu meħtieġa kemm li jkunu imparzjali kif ukoll li joffru appoġġ lill-vittmi. Dan huwa partikolarment rilevanti meta l-korp tal-ugwaljanza jkollu setgħat ta' teħid ta' deċiżjonijiet vinkolanti li jeħtieġu imparzjalità jew meta jkun parti minn korp b'diversi mandati fejn mandat ieħor ikun jeħtieġ imparzjalità. Struttura interna li tiżgura separazzjoni stretta bejn il-kompetenzi u l-kompiti rilevanti jenħtieġ li tiggarantixxi li l-korp tal-ugwaljanza jkun jista' jeżerċitahom b'mod effettiv.

Emenda 10

Proposta għal direttiva
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) In-nuqqas ta' riżorsi xierqa huwa kwistjoni ewlenija li xxekkel il-kapaċità	(18) In-nuqqas ta' riżorsi ***finanzjarji u umani*** xierqa huwa kwistjoni ewlenija li

tal-korpi tal-ugwaljanza milli jwettqu l-kompiti tagħhom b'mod adegwat. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-korpi tal-ugwaljanza jirċievu finanzjament suffiċjenti, ikunu jistgħu jimpjegaw persunal kwalifikat u jkollhom bini u infrastruttura xierqa biex iwettqu kull wieħed mill-kompiti tagħhom b'mod effettiv, fi żmien raġonevoli u fl-iskadenzi stabbiliti mid-dritt nazzjonali. L-allokazzjoni baġitarja tagħhom jenħtieġ li tkun stabbli, ħlief fil-każ ta' żieda fil-kompetenzi, ippjanata fuq bażi pluriennali, u tippermettilhom ikopru spejjeż li jistgħu jkunu diffiċili li jiġu antiċipati bħal spejjeż marbuta ma' litigazzjoni. Sabiex jiġi żgurat li l-korpi tal-ugwaljanza jingħataw riżorsi suffiċjenti, jenħtieġ li l-baġit tagħhom ma jġarrabx***, pereżempju,*** tnaqqis ***li jkun ferm ogħla mit-tnaqqis medju għal entitajiet pubbliċi oħra; bl-istess mod, it-tkabbir*** annwali tagħhom jenħtieġ li jkun tal-anqas marbut mat-tkabbir medju fil-finanzjament lil entitajiet oħra. Ir-riżorsi jenħtieġ li jiżdiedu b'mod proporzjonali jekk il-kompiti u l-mandat tal-korpi tal-ugwaljanza jiġu estiżi.

xxekkel il-kapaċità tal-korpi tal-ugwaljanza milli jwettqu l-kompiti tagħhom b'mod adegwat. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-korpi tal-ugwaljanza jirċievu finanzjament suffiċjenti ***biex iwettqu l-kompiti tagħhom***, ikunu jistgħu jimpjegaw persunal kwalifikat u jkollhom bini u infrastruttura xierqa biex iwettqu kull wieħed mill-kompiti tagħhom b'mod effettiv, fi żmien raġonevoli u fl-iskadenzi stabbiliti mid-dritt nazzjonali. L-allokazzjoni baġitarja tagħhom jenħtieġ li tkun stabbli, ħlief fil-każ ta' żieda fil-kompetenzi ***jew tal-persunal***, ippjanata fuq bażi pluriennali, u tippermettilhom ikopru spejjeż li jistgħu jkunu diffiċili li jiġu antiċipati bħal spejjeż marbuta ma' litigazzjoni. ***F'każijiet fejn il-kompetenzi tal-korpi tal-ugwaljanza żdiedu, l-Istati Membri jeħtiġilhom jiżguraw li l-baġits tagħhom jiġu aġġustati skont dan.*** Sabiex jiġi żgurat li l-korpi tal-ugwaljanza jingħataw riżorsi suffiċjenti, jenħtieġ li l-baġit tagħhom ma jġarrabx tnaqqis ***u t-tkabbir*** annwali tagħhom jenħtieġ li jkun tal-anqas marbut mat-tkabbir medju fil-finanzjament lil entitajiet oħra. Ir-riżorsi jenħtieġ li jiżdiedu b'mod proporzjonali jekk il-kompiti u l-mandat tal-korpi tal-ugwaljanza jiġu estiżi.

Emenda 11

Proposta għal direttiva
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Is-sistemi awtomatizzati, inkluża l-intelliġenza artifiċjali, jirrappreżentaw għodda ***utli*** biex jiġu identifikati x-xejriet ta' diskriminazzjoni***, iżda d-diskriminazzjoni*** algoritmika ***hija wkoll riskju***. Għalhekk, jenħtieġ li l-korpi tal-ugwaljanza ***jkollhom aċċess għal persunal*** jew għal servizzi kwalifikati, li jkunu jistgħu ***jużaw*** sistemi awtomatizzati ***għall-ħidma tagħhom minn naħa waħda*** u ***li***	(19) Is-sistemi awtomatizzati, inkluża l-intelliġenza artifiċjali, ***jistgħu jwasslu u jwasslu għal diskriminazzjoni algoritmika, iżda jistgħu wkoll*** jirrappreżentaw għodda biex jiġu identifikati x-xejriet ta' diskriminazzjoni***. Ir-riskji ta' diskriminazzjoni*** algoritmika ***jipperpetwaw u jaggravaw l-inugwaljanzi, id-diskriminazzjoni, l-esklużjoni u l-faqar eżistenti***. Għalhekk, jenħtieġ li l-korpi tal-

jivvalutaw il-konformità tagħhom mar-regoli dwar in-nondiskriminazzjoni ***minnaħa l-oħra***. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari biex il-korpi tal-ugwaljanza jiġu mgħammra b'riżorsi diġitali xierqa, kemm direttament kif ukoll permezz ta' sottokuntrattar.

ugwaljanza ***jkunu mgħammra b'persunal*** jew servizzi ***esperti u*** kwalifikati, li jkunu jistgħu ***jifhmu kif jaħdmu*** sistemi awtomatizzati u ***kif jistgħu jwasslu għal diskriminazzjoni algoritmika,*** jivvalutaw il-konformità tagħhom mar-regoli dwar in-nondiskriminazzjoni ***jipprevjenu l-konsegwenzi potenzjali tagħha fuq l-individwi u jipprovdu appoġġ lill-vittmi ta' din il-forma ta' diskriminazzjoni***. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari biex il-korpi tal-ugwaljanza jiġu mgħammra b'riżorsi diġitali xierqa, ***u taħriġ dwar l-użu ta' sistemi awtomatizzati,*** kemm direttament kif ukoll permezz ta' sottokuntrattar. ***Jenħtieġ li l-korpi tal-ugwaljanza jiżguraw ukoll li s-sistemi awtomatizzati jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità f'konformità mal-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882.***

Emenda 12

Proposta għal direttiva
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Il-korpi tal-ugwaljanza, flimkien ma' atturi oħra, għandhom rwol ewlieni fil-prevenzjoni tad-diskriminazzjoni u fil-promozzjoni tal-ugwaljanza. Sabiex jindirizzaw l-aspetti strutturali tad-diskriminazzjoni u jikkontribwixxu għall-bidla soċjali, jenħtieġ li dawn jippromwovu d-dmirijiet tal-ugwaljanza, prattiki tajbin, azzjoni pożittiva u l-integrazzjoni tal-ugwaljanza fost l-entitajiet pubbliċi u privati, u jipprovduhom b'taħriġ, informazzjoni, pariri, gwida u appoġġ rilevanti. Jenħtieġ li dawn jikkomunikaw ma' entitajiet pubbliċi u privati u gruppi f'riskju ta' diskriminazzjoni u jinvolvu ruħhom f'dibattitu pubbliku sabiex jiġġieldu l-isterjotipi u jqajmu kuxjenza dwar id-diversità u l-benefiċċji tagħha, pilastru ewlieni tal-istrateġiji tal-Unjoni	(20) Il-korpi tal-ugwaljanza, flimkien ma' atturi oħra, ***bħas-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili***, għandhom rwol ewlieni fil-prevenzjoni tad-diskriminazzjoni u fil-promozzjoni tal-ugwaljanza. Sabiex jindirizzaw l-aspetti strutturali tad-diskriminazzjoni u jikkontribwixxu għall-bidla soċjali, jenħtieġ li dawn jippromwovu d-dmirijiet tal-ugwaljanza, prattiki tajbin, azzjoni pożittiva u l-integrazzjoni tal-ugwaljanza fost l-entitajiet pubbliċi u privati, u jipprovduhom b'taħriġ, informazzjoni, pariri, gwida u appoġġ rilevanti. Jenħtieġ li dawn jikkomunikaw ma' entitajiet pubbliċi u privati u gruppi f'riskju ta' diskriminazzjoni u jinvolvu ruħhom f'dibattitu pubbliku sabiex jiġġieldu l-isterjotipi u jqajmu kuxjenza dwar id-

għall-ugwaljanza.

diversità u l-benefiċċji tagħha, pilastru ewlieni tal-istrateġiji tal-Unjoni għall-ugwaljanza. ***Il-korpi tal-ugwaljanza jenħtieġ li jqajmu wkoll kuxjenza dwar id-diskriminazzjoni intersezzjonali u l-importanza li jiġi applikat approċċ intersezzjonali meta jitfasslu politiki, programmi, fondi u attivitajiet.***

Emenda 13

Proposta għal direttiva
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Lil hinn mill-prevenzjoni, kompitu ċentrali tal-korpi tal-ugwaljanza huwa li jipprovdu assistenza lill-vittmi tad-diskriminazzjoni. ***Din*** l-assistenza jenħtieġ li ***tinkludi dejjem*** l-għoti ta' informazzjoni essenzjali lill-ilmentaturi ***u valutazzjoni preliminari tal-ilment tagħhom, ibbażata fuq l-informazzjoni inizjali miġbura mingħand il-partijiet b'mod volontarju. L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu responsabbli għad-definizzjoni tal-modalitajiet li taħthom il-korp tal-ugwaljanza joħroġ din il-valutazzjoni, bħall-perjodu ta' żmien tal-proċess jew is-salvagwardji*** proċedurali ***kontra lmenti ripetittivi jew abbużivi***.	(21) Lil hinn mill-prevenzjoni, kompitu ċentrali tal-korpi tal-ugwaljanza huwa li jipprovdu ***approċċ komprensiv u*** assistenza lill-vittmi tad-diskriminazzjoni. ***Dawn l-appoġġ u*** l-assistenza jenħtieġ li ***jkunu mingħajr ħlas u, mill-inqas, jinkludu*** l-għoti ta' informazzjoni lill-ilmentaturi***, inklużi pariri legali, pariri mmirati lejn il-ħtiġijiet speċifiċi tal-vittmi, u informazzjoni dwar l-aspetti*** proċedurali***, inkluż kif għandu jitressaq każ quddiem il-qorti u rimedji oħra disponibbli***.

Emenda 14

Proposta għal direttiva
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Sabiex jiġi żgurat li l-vittmi kollha jkunu jistgħu jilmentaw, jenħtieġ li jkun possibbli li l-ilmenti jiġu ppreżentati b'diversi modi. L-Istati Membri jenħtieġ li jqisu wkoll kif xieraq ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni	(22) Sabiex jiġi żgurat li l-vittmi kollha jkunu jistgħu jilmentaw, jenħtieġ li jkun possibbli li l-ilmenti jiġu ppreżentati b'diversi modi***, inkluż permezz tal-uffiċċji reġjonali jew lokali jew ta' għodod u pjattaformi diġitali***. L-Istati Membri

2018/951 ***li skontha jenħtieġ*** li jkun possibbli li l-ilmenti jiġu ppreżentati f'lingwa ***magħżula mill-ilmentatur u*** li tkun komuni ***fl-Istat Membru*** fejn jinsab il-korp tal-ugwaljanza. Sabiex tiġi indirizzata waħda mill-kawżi tan-nuqqas ta' rapportar, jiġifieri l-biża' ta' rappreżalji, u mingħajr preġudizzju għad-Direttiva (UE) 2019/1937 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tad-dritt tal-Unjoni[70] , jenħtieġ li tiġi offruta kunfidenzjalità lix-xhieda ***u*** lill-informaturi, u ***sa fejn ikun possibbli,*** lill-ilmentaturi.	jenħtieġ li jqisu wkoll kif xieraq ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2018/951 ***u jiżguraw*** li jkun possibbli li l-ilmenti jiġu ppreżentati f'lingwa ***li l-ilmentatur jista' jifhem, inkluż lingwa*** li tkun komuni fejn jinsab il-korp tal-ugwaljanza ***jew lingwa indikata mill-korp tal-ugwaljanza***. Sabiex tiġi indirizzata waħda mill-kawżi tan-nuqqas ta' rapportar, jiġifieri l-biża' ta' rappreżalji, u mingħajr preġudizzju għad-Direttiva (UE) 2019/1937 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tad-dritt tal-Unjoni[70] , jenħtieġ li tiġi offruta kunfidenzjalità lix-xhieda ***u*** lill-informaturi, u lill-ilmentaturi.
[70] Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni (ĠU L 305, 26.11.2019, p. 17).	[70] Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni (ĠU L 305, 26.11.2019, p. 17).

Emenda 15

Proposta għal direttiva
Premessa 22a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22a) L-obbligi mqiegħda fuq l-Istati Membri u l-kompiti tal-korpi tal-ugwaljanza skont din id-Direttiva fir-rigward tal-assistenza lill-vittmi jenħtieġ li jitqiesu flimkien mal-obbligi tal-Istati Membri u mad-drittijiet tal-vittmi stabbiliti fid-Direttiva 2012/29/UE.

Emenda 16

Proposta għal direttiva
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Sabiex joffru possibbiltà għal soluzzjoni tat-tilwim rapida, affordabbli u barra mill-qorti, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprevedu l-possibbiltà li l-partijiet jitolbu soluzzjoni bonarja għat-tilwim tagħhom, lill-korp tal-ugwaljanza jew lil entità ddedikata eżistenti oħra. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiddefinixxu l-modalitajiet tal-proċess ta' soluzzjoni bonarja skont id-dritt nazzjonali.	(23) Sabiex joffru possibbiltà għal soluzzjoni tat-tilwim rapida, affordabbli u barra mill-qorti, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprevedu l-possibbiltà li l-partijiet jitolbu soluzzjoni bonarja għat-tilwim tagħhom, lill-korp tal-ugwaljanza jew lil entità ddedikata eżistenti oħra. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiddefinixxu l-modalitajiet tal-proċess ta' soluzzjoni bonarja skont id-dritt nazzjonali. ***L-involviment fi proċess ta' konċiljazzjoni u medjazzjoni jenħtieġ li jkun soġġett għall-ftehim tal-partijiet u jenħtieġ li ma jipprevjenix lil parti milli teżerċita d-dritt ta' aċċess għall-qorti meta dik il-parti ma taċċettax id-deċiżjoni tal-bord ta' konċiljazzjoni u medjazzjoni.***

Emenda 17

Proposta għal direttiva
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) L-evidenza hija kruċjali biex jiġi ddeterminat jekk tkunx seħħet diskriminazzjoni u ta' spiss tkun f'idejn l-awtur allegat. Għalhekk, jenħtieġ li l-korpi tal-ugwaljanza jkunu jistgħu jaċċessaw l-informazzjoni meħtieġa biex ***jistabbilixxu*** diskriminazzjoni u jikkooperaw mas-servizzi pubbliċi rilevanti – bħall-ispettorati tax-xogħol jew l-ispettorati tal-edukazzjoni. L-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu qafas xieraq għall-eżerċizzju ta' din il-kompetenza, f'konformità mar-regoli u l-proċeduri nazzjonali.	(25) L-evidenza hija kruċjali biex jiġi ddeterminat jekk tkunx seħħet diskriminazzjoni u ta' spiss tkun f'idejn l-awtur allegat. Għalhekk, jenħtieġ li l-korpi tal-ugwaljanza jkunu jistgħu jaċċessaw l-informazzjoni meħtieġa biex ***jiddeterminaw l-eżistenza ta'*** diskriminazzjoni u jikkooperaw mas-servizzi pubbliċi rilevanti – bħall-ispettorati tax-xogħol jew l-ispettorati tal-edukazzjoni. L-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu qafas xieraq għall-eżerċizzju ta' din il-kompetenza, f'konformità mar-regoli u l-proċeduri nazzjonali.

Emenda 18

Proposta għal direttiva
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Abbażi tal-evidenza miġbura, ***jew b'mod volontarju jew permezz ta' investigazzjoni,*** il-korpi tal-ugwaljanza jenħtieġ li jipprovdu l-valutazzjoni tagħhom lill-ilmentatur u lill-allegat awtur tar-reat. ***L-Istati Membri*** jenħtieġ li jiddeterminaw il-valur legali ta' din il-valutazzjoni li tista' tkun opinjoni mhux vinkolanti jew deċiżjoni infurzabbli vinkolanti. ***It-tnejn li huma*** jenħtieġ li jiddikjaraw ir-raġunijiet għall-valutazzjoni u jinkludu, fejn meħtieġ, miżuri biex jiġi rimedjat kwalunkwe ksur misjub u biex jiġu evitati okkorrenzi ulterjuri. Sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-ħidma tal-korpi tal-ugwaljanza, jenħtieġ li l-Istati Membri jadottaw miżuri xierqa għas-segwitu tal-opinjonijiet u għall-infurzar tad-deċiżjonijiet.	(26) Abbażi tal-evidenza miġbura, il-korpi tal-ugwaljanza jenħtieġ ***li jingħataw is-setgħa*** li jipprovdu l-valutazzjoni tagħhom lill-ilmentatur u lill-allegat awtur tar-reat. ***Il-korpi tal-ugwaljanza*** jenħtieġ li jiddeterminaw il-valur legali ta' din il-valutazzjoni li tista' tkun opinjoni mhux vinkolanti jew deċiżjoni infurzabbli vinkolanti. ***Kemm l-opinjonijiet kif ukoll id-deċiżjonijiet*** jenħtieġ li jiddikjaraw ir-raġunijiet għall-valutazzjoni u jinkludu, fejn meħtieġ, miżuri biex jiġi rimedjat kwalunkwe ksur misjub u biex jiġu evitati okkorrenzi ulterjuri***. Deċiżjonijiet infurzabbli vinkolanti jistgħu jinkludu sanzjonijiet***. Sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-ħidma tal-korpi tal-ugwaljanza, jenħtieġ li l-Istati Membri jadottaw miżuri xierqa għas-segwitu tal-opinjonijiet u għall-infurzar tad-deċiżjonijiet.

Emenda 19

Proposta għal direttiva
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Sabiex jippromwovu l-ħidma tagħhom u l-liġi tal-ugwaljanza, il-korpi tal-ugwaljanza jenħtieġ li jkunu jistgħu jippubblikaw ***sommarju tal-opinjonijiet*** u d-deċiżjonijiet tagħhom mingħajr ma jiżvelaw data personali.	(27) Sabiex jippromwovu l-ħidma tagħhom u l-liġi tal-ugwaljanza, il-korpi tal-ugwaljanza jenħtieġ li jkunu jistgħu jippubblikaw ***l-opinjonijiet*** u d-deċiżjonijiet tagħhom***, inkluż sommarju tagħhom,*** mingħajr ma jiżvelaw data personali.

Emenda 20

Proposta għal direttiva
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Il-korpi tal-ugwaljanza jenħtieġ li jkollhom id-dritt li jaġixxu fi proċedimenti tal-qorti fi kwistjonijiet ta' liġi ċivili jew amministrattiva sabiex jikkontribwixxu għall-iżgurar tar-rispett tal-prinċipju tat-trattament ugwali stabbilit fid-Direttivi 2006/54/KE u 2010/41/UE. Filwaqt li dawk il-proċedimenti tal-qorti jenħtieġ li jkunu soġġetti għal-liġi proċedurali nazzjonali, inklużi regoli nazzjonali dwar l-ammissibbiltà ta' rikorsi, tali regoli, u b'mod partikolari kwalunkwe kundizzjoni ta' interess leġittimu, ma jistgħux jiġu applikati b'tali mod li jimminaw l-effettività tad-dritt tal-korpi tal-ugwaljanza li jaġixxu. Is-setgħat ta' investigazzjoni u ta' teħid ta' deċiżjonijiet u d-dritt ta' azzjoni fi proċedimenti tal-qorti mogħtija lill-korpi tal-ugwaljanza minn din id-Direttiva se jiffaċilitaw l-implimentazzjoni prattika tad-dispożizzjonijiet attwali tad-Direttivi 2000/43/KE, 2000/78/KE u 2004/113/KE dwar l-oneru tal-provi u d-difiża tad-drittijiet. Skont il-kundizzjonijiet previsti f'din id-Direttiva, il-korpi tal-ugwaljanza se jkunu jistgħu jistabbilixxu fatti "li minnhom jista' jiġi preżunt li kien hemm diskriminazzjoni diretta jew indiretta", u b'hekk jissodisfaw il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2000/43/KE, l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2000/78/KE u l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2004/113/KE. L-appoġġ tagħhom għalhekk se jiffaċilita l-aċċess għall-ġustizzja għall-vittmi.	(28) Il-korpi tal-ugwaljanza jenħtieġ li jkollhom id-dritt li jaġixxu ***quddiem l-istituzzjonijiet, il-korpi ta' aġġudikazzjoni u*** fi proċedimenti tal-qorti fi kwistjonijiet ta' liġi ċivili jew amministrattiva sabiex jikkontribwixxu għall-iżgurar tar-rispett tal-prinċipju tat-trattament ugwali stabbilit fid-Direttivi 2006/54/KE u 2010/41/UE. Filwaqt li dawk il-proċedimenti tal-qorti jenħtieġ li jkunu soġġetti għal-liġi proċedurali nazzjonali, inklużi regoli nazzjonali dwar l-ammissibbiltà ta' rikorsi, tali regoli, u b'mod partikolari kwalunkwe kundizzjoni ta' interess leġittimu, ma jistgħux jiġu applikati b'tali mod li jimminaw l-effettività tad-dritt tal-korpi tal-ugwaljanza li jaġixxu. Is-setgħat ta' investigazzjoni u ta' teħid ta' deċiżjonijiet u d-dritt ta' azzjoni ***quddiem l-istituzzjonijiet, il-korpi ta' aġġudikazzjoni u*** fi proċedimenti tal-qorti mogħtija lill-korpi tal-ugwaljanza minn din id-Direttiva se jiffaċilitaw l-implimentazzjoni prattika tad-dispożizzjonijiet attwali tad-Direttivi 2000/43/KE, 2000/78/KE u 2004/113/KE dwar l-oneru tal-provi u d-difiża tad-drittijiet. Skont il-kundizzjonijiet previsti f'din id-Direttiva, il-korpi tal-ugwaljanza se jkunu jistgħu jistabbilixxu fatti "li minnhom jista' jiġi preżunt li kien hemm diskriminazzjoni diretta jew indiretta", u b'hekk jissodisfaw il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2000/43/KE, l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2000/78/KE u l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2004/113/KE. L-appoġġ tagħhom għalhekk se jiffaċilita l-aċċess għall-ġustizzja għall-vittmi.

Emenda 21

Proposta għal direttiva
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Il-pożizzjoni legali tippermetti lill-korpi tal-ugwaljanza jaġixxu f'isem il-vittmi jew b'appoġġ għalihom, u tippermettilhom jaċċessaw il-ġustizzja meta l-ostakli proċedurali u finanzjarji jew il-biża' ta' vittimizzazzjoni spiss jiskoraġġuhom. Il-pożizzjoni legali tippermetti wkoll lill-korpi tal-ugwaljanza jagħżlu b'mod strateġiku l-każijiet li jiddeċiedu li jsegwu quddiem il-qrati nazzjonali, u jikkontribwixxu għall-interpretazzjoni u l-applikazzjoni xierqa tal-leġiżlazzjoni dwar it-trattament ugwali.	(29) Il-pożizzjoni legali tippermetti lill-korpi tal-ugwaljanza jaġixxu f'isem il-vittmi jew b'appoġġ għalihom, u tippermettilhom jaċċessaw il-ġustizzja meta l-ostakli proċedurali u finanzjarji jew il-biża' ta' vittimizzazzjoni spiss jiskoraġġuhom. Il-pożizzjoni legali tippermetti wkoll lill-korpi tal-ugwaljanza jagħżlu b'mod strateġiku l-każijiet li jiddeċiedu li jsegwu quddiem il-qrati nazzjonali, u jikkontribwixxu għall-interpretazzjoni u l-applikazzjoni xierqa tal-leġiżlazzjoni dwar it-trattament ugwali***, kif ukoll li jagħmlu proposti biex itejbu u jaġġornaw il-leġiżlazzjoni eżistenti***.

Emenda 22

Proposta għal direttiva
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Xi każijiet ta' diskriminazzjoni huma diffiċli biex jiġu miġġielda minħabba li ma hemm l-ebda kwerelant li qed isegwi l-każ huwa stess. Fis-sentenza tagħha fil-Kawża C-54/07 (Feryn)[71] , li tressqet minn korp tal-ugwaljanza f'ismu stess, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li d-diskriminazzjoni tista' ***tiġi stabbilita*** anki fin-nuqqas ta' vittma identifikata. Għalhekk huwa importanti li l-korpi tal-ugwaljanza jkunu jistgħu jaġixxu f'isimhom stess, biex jiddefendu l-interess pubbliku.	(30) Xi każijiet ta' diskriminazzjoni huma diffiċli biex jiġu miġġielda minħabba li ma hemm l-ebda kwerelant li qed isegwi l-każ huwa stess. Fis-sentenza tagħha fil-Kawża C-54/07 (Feryn)[71] , li tressqet minn korp tal-ugwaljanza f'ismu stess, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li d-diskriminazzjoni tista' ***sseħħ*** anki fin-nuqqas ta' vittma identifikata***, pereżempju f'każijiet ta' diskriminazzjoni strutturali jew sistemika***. Għalhekk huwa importanti li l-korpi tal-ugwaljanza jkunu jistgħu jaġixxu ***u jibdew proċedimenti tal-qorti*** f'isimhom stess, biex jiddefendu l-interess pubbliku ***meta tkun ġiet individwata diskriminazzjoni, mingħajr il-preżenza ta' individwu li jkun ġie identifikat bħala vittma***. ***Huwa importanti wkoll li jkunu jistgħu jaġixxu f'każijiet meta jintuża rimedju kollettiv.***

[71] Sentenza tal-10 ta' Lulju 2008 f'Feryn (C-54/07, ECLI:EU:C:2008:397).

[71] Sentenza tal-10 ta' Lulju 2008 f'Feryn (C-54/07, ECLI:EU:C:2008:397).

Emenda 23

Proposta għal direttiva
Premessa 30a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(30a) Din id-Direttiva għandha wkoll l-għan li tindirizza każijiet ta' diskriminazzjoni li jinvolvu l-proċeduri, ir-rutini u l-kultura organizzattiva ta' kwalunkwe organizzazzjoni privata jew pubblika, inklużi l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, li jikkontribwixxu għal eżiti inqas favorevoli għal xi gruppi partikolari tal-popolazzjoni. Il-korpi tal-ugwaljanza jenħtieġ li jkunu jistgħu jżidu l-miżuri biex jipprevjenu d-diskriminazzjoni istituzzjonali, u jiżviluppaw rimedji sistemiċi li jippermettu rispons koerenti għad-diskriminazzjoni strutturali jew sistemika fis-setturi kollha.

Emenda 24

Proposta għal direttiva
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) Il-korpi tal-ugwaljanza jenħtieġ li jkunu jistgħu wkoll jippreżentaw dikjarazzjonijiet orali jew bil-miktub lill-qrati - eż. amicus curiae - bħala mod eħfef biex jappoġġaw każijiet bl-opinjoni esperta tagħhom.	(31) Il-korpi tal-ugwaljanza jenħtieġ li jkunu jistgħu wkoll jippreżentaw dikjarazzjonijiet orali jew bil-miktub lill-qrati***, lill-istituzzjonijiet u lill-korpi ta' aġġudikazzjoni*** - eż. ***bħala*** amicus curiae***, parti terza jew espert*** - bħala mod eħfef biex jappoġġaw każijiet bl-opinjoni esperta tagħhom.

Emenda 25

Proposta għal direttiva
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Id-drittijiet tal-korpi tal-ugwaljanza li jaġixxu fil-qorti jridu jirrispettaw il-prinċipji ta' proċess ġust u ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet. Għalhekk, ħlief meta l-korp tal-ugwaljanza jaġixxi bħala parti fi proċedimenti dwar l-infurzar jew ir-rieżami ġudizzjarju ta' deċiżjoni proprja jew jaġixxi bħala amicus curiae, jenħtieġ li l-korp tal-ugwaljanza ma jitħalliex jissottometti fil-proċedimenti tal-qorti evidenza miksuba permezz ta' investigazzjonijiet preċedenti tal-istess każ li l-allegat awtur jew kwalunkwe parti terza kienet legalment marbuta li tipprovdi.	(32) Id-drittijiet tal-korpi tal-ugwaljanza li jaġixxu ***quddiem l-istituzzjonijiet, il-korpi ta' aġġudikazzjoni u*** fil-qorti jridu jirrispettaw il-prinċipji ta' proċess ġust u ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet. Għalhekk, ħlief meta l-korp tal-ugwaljanza jaġixxi bħala parti fi proċedimenti dwar l-infurzar jew ir-rieżami ġudizzjarju ta' deċiżjoni proprja jew jaġixxi bħala amicus curiae, jenħtieġ li l-korp tal-ugwaljanza ma jitħalliex jissottometti fil-proċedimenti tal-qorti evidenza miksuba permezz ta' investigazzjonijiet preċedenti tal-istess każ li l-allegat awtur jew kwalunkwe parti terza kienet legalment marbuta li tipprovdi.

Emenda 26

Proposta għal direttiva
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Id-dispożizzjonijiet dwar id-dritt tal-korpi tal-ugwaljanza li jaġixxu fi proċedimenti tal-qorti ma jibdlux id-drittijiet tal-vittmi u ta' assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet jew entitajiet legali oħra li jinfurzaw id-drittijiet tal-vittmi li għandhom, f'konformità mal-kriterji stabbiliti mil-liġi nazzjonali tagħhom, interess leġittimu li jiżguraw li d-Direttivi 2006/54/KE u 2010/41/UE jiġu rrispettati, kif stabbilit f'dawk id-Direttivi.	(34) Id-dispożizzjonijiet dwar id-dritt tal-korpi tal-ugwaljanza li jaġixxu ***quddiem l-istituzzjonijiet, il-korpi ta' aġġudikazzjoni u*** fi proċedimenti tal-qorti ma jibdlux id-drittijiet tal-vittmi u ta' assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet jew entitajiet legali oħra li jinfurzaw id-drittijiet tal-vittmi li għandhom, f'konformità mal-kriterji stabbiliti mil-liġi nazzjonali tagħhom, interess leġittimu li jiżguraw li d-Direttivi 2006/54/KE u 2010/41/UE jiġu rrispettati, kif stabbilit f'dawk id-Direttivi.

Emenda 27

Proposta għal direttiva
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Jenħtieġ li jiġi ggarantit l-aċċess għas-servizzi u l-pubblikazzjonijiet tal-korpi tal-ugwaljanza fuq bażi ugwali għal kulħadd. Għal dak il-għan, jenħtieġ li jiġu identifikati u indirizzati l-ostakli potenzjali għall-aċċess għas-servizzi tal-korpi tal-ugwaljanza. Is-servizzi jenħtieġ li jkunu mingħajr ħlas għall-ilmentaturi. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw ukoll li s-servizzi tal-korpi tal-ugwaljanza jkunu disponibbli għall-vittmi potenzjali kollha fit-territorju tagħhom, pereżempju permezz tal-istabbiliment ta' uffiċċji lokali, inklużi dawk mobbli, l-organizzazzjoni ta' kampanji lokali jew il-kooperazzjoni ma' delegati lokali jew ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.	(36) Jenħtieġ li jiġi ggarantit l-aċċess għas-servizzi u l-pubblikazzjonijiet tal-korpi tal-ugwaljanza fuq bażi ugwali għal kulħadd***, inkluż online***. Għal dak il-għan, jenħtieġ li jiġu identifikati u indirizzati l-ostakli potenzjali għall-aċċess għas-servizzi tal-korpi tal-ugwaljanza. Is-servizzi jenħtieġ li jkunu mingħajr ħlas għall-ilmentaturi. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw ukoll***, f'konformità mal-kompetenzi allokati lill-awtoritajiet reġjonali u lokali,*** li s-servizzi tal-korpi tal-ugwaljanza jkunu disponibbli għall-vittmi potenzjali kollha fit-territorju tagħhom, pereżempju permezz tal-istabbiliment***, fejn meħtieġ,*** ta' uffiċċji lokali ***u reġjonali***, inklużi dawk mobbli, l-organizzazzjoni ta' kampanji lokali jew il-kooperazzjoni ma' delegati lokali jew ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. ***Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali biex jiġi żgurat l-aċċess għall-gruppi żvantaġġati.***

Emenda 28

Proposta għal direttiva
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) L-Unjoni u l-Istati Membri kollha huma partijiet għall-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità[73] (UNCRPD) li tinkludi l-obbligu li tiġi pprojbita d-diskriminazzjoni abbażi ta' diżabilità u li tiġi ggarantita lill-persuni b'diżabilità protezzjoni legali ugwali u effettiva kontra d-diskriminazzjoni għar-raġunijiet kollha. Din id-Direttiva jenħtieġ li tiġi interpretata b'mod konsistenti mal-UNCRPD. Sabiex jiġu ggarantiti protezzjoni legali u aċċess ugwali u effettivi għall-persuni b'diżabilità għas-servizzi u l-attivitajiet kollha tal-korpi tal-	(37) L-Unjoni u l-Istati Membri kollha huma partijiet għall-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità[73] (UNCRPD) li tinkludi l-obbligu li tiġi pprojbita d-diskriminazzjoni abbażi ta' diżabilità u li tiġi ggarantita lill-persuni b'diżabilità protezzjoni legali ugwali u effettiva kontra d-diskriminazzjoni għar-raġunijiet kollha. Din id-Direttiva jenħtieġ li tiġi interpretata b'mod konsistenti mal-UNCRPD. Sabiex jiġu ggarantiti protezzjoni legali u aċċess ugwali u effettivi għall-persuni b'diżabilità għas-servizzi u l-attivitajiet kollha tal-korpi tal-

ugwaljanza, huwa meħtieġ li tiġi żgurata l-aċċessibbiltà, f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2019/882, u akkomodazzjoni raġonevoli. Il-korpi tal-ugwaljanza jenħtieġ li jiżguraw l-aċċessibbiltà fiżika u diġitali[74] billi jipprevjenu u jneħħu l-ostakli li l-persuni b'diżabilità jistgħu jiffaċċjaw biex jaċċessaw is-servizzi u l-informazzjoni tagħhom, u jipprovdu akkomodazzjoni raġonevoli, filwaqt li jagħmlu l-modifiki u l-aġġustamenti meħtieġa u xierqa fejn meħtieġ f'każ partikolari.

ugwaljanza, huwa meħtieġ li tiġi żgurata l-aċċessibbiltà, f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2019/882, u akkomodazzjoni raġonevoli. Il-korpi tal-ugwaljanza jenħtieġ li jiżguraw l-aċċessibbiltà fiżika u diġitali[74] billi jipprevjenu u jneħħu l-ostakli li l-persuni b'diżabilità jistgħu jiffaċċjaw biex jaċċessaw is-servizzi u l-informazzjoni tagħhom, u jipprovdu akkomodazzjoni raġonevoli, filwaqt li jagħmlu l-modifiki u l-aġġustamenti meħtieġa u xierqa fejn meħtieġ f'każ partikolari. ***Skont il-mandat tagħhom, il-korpi tal-ugwaljanza jenħtieġ li jkopru l-forom kollha ta' diskriminazzjoni li jiffaċċjaw il-persuni b'diżabilità f'konformità mal-UNCRPD, inkluż id-diskriminazzjoni diretta u indiretta, iċ-ċaħda ta' akkomodazzjoni raġonevoli, id-diskriminazzjoni b'assoċjazzjoni, il-fastidju, l-istruzzjoni għal diskriminazzjoni, kif ukoll il-vittimizzazzjoni u d-diskors ta' mibegħda.***

[73] ĠU L 23, 27.1.2010, p. 37.

[74] Ara d-Direttiva (UE) 2016/2102 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar l-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi u tal-applikazzjonijiet mobbli tal-korpi tas-settur pubbliku (ĠU L 327, 2.12.2016 p. 1-15) u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni relatata.

[73] ĠU L 23, 27.1.2010, p. 37.

[74] Ara d-Direttiva (UE) 2016/2102 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar l-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi u tal-applikazzjonijiet mobbli tal-korpi tas-settur pubbliku (ĠU L 327, 2.12.2016 p. 1-15) u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni relatata.

Emenda 29

Proposta għal direttiva
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) Li l-korpi tal-ugwaljanza jkunu jistgħu jikkoordinaw u jikkooperaw regolarment f'livelli differenti, fuq bażi fit-tul, huwa kruċjali għat-tagħlim reċiproku, il-koerenza u l-konsistenza, u jista' jwessa' s-sensibilizzazzjoni u l-impatt tal-ħidma	(38) Li l-korpi tal-ugwaljanza jkunu jistgħu jikkoordinaw u jikkooperaw regolarment f'livelli differenti, fuq bażi fit-tul, huwa kruċjali għat-tagħlim reċiproku, il-koerenza u l-konsistenza, u jista' jwessa' s-sensibilizzazzjoni u l-impatt tal-ħidma

tagħhom. Il-korpi tal-ugwaljanza jenħtieġ li jikkooperaw***, b'mod partikolari,*** ma' korpi oħra tal-ugwaljanza fl-istess Stat Membru u fi Stati Membri oħra – inkluż fil-qafas tan-Network Ewropew tal-Korpi tal-Ugwaljanza (Equinet) – u ma' entitajiet pubbliċi u privati fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali, tal-Unjoni u internazzjonali, bħal organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data, trade unions, spettorati tax-xogħol u tal-edukazzjoni, korpi tal-infurzar tal-liġi, aġenziji b'responsabbiltà fil-livell nazzjonali għad-difiża tad-drittijiet tal-bniedem, awtoritajiet li jimmaniġġjaw il-fondi tal-Unjoni, Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Rom, korpi tal-konsumatur, u mekkaniżmi indipendenti nazzjonali għall-promozzjoni, il-protezzjoni u l-monitoraġġ tal-UNCRPD. Tali kooperazzjoni jenħtieġ li ma tinvolvix l-iskambju ta' data personali (jiġifieri data dwar l-ugwaljanza f'forma li fiha l-individwi jistgħu jiġu identifikati).

tagħhom. ***Meta jkunu jeżistu korpi differenti tal-ugwaljanza, il-kompetenzi u s-setgħat tagħhom jenħtieġ li jiġu msaħħa u jenħtieġ li tiġi żgurata l-koordinazzjoni biex jiġu indirizzati d-duplikazzjonijiet, tiġi permessa azzjoni konġunta u jiġi ottimizzat l-użu tar-riżorsi.*** Il-korpi tal-ugwaljanza jenħtieġ li jikkooperaw ma' korpi oħra tal-ugwaljanza fl-istess Stat Membru u fi Stati Membri oħra – inkluż fil-qafas tan-Network Ewropew tal-Korpi tal-Ugwaljanza (Equinet) – u ma' entitajiet pubbliċi u privati fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali, tal-Unjoni u internazzjonali, bħal ***sħab soċjali,*** organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data, trade unions, spettorati tax-xogħol u tal-edukazzjoni, korpi tal-infurzar tal-liġi, aġenziji b'responsabbiltà fil-livell nazzjonali għad-difiża tad-drittijiet tal-bniedem, awtoritajiet li jimmaniġġjaw il-fondi tal-Unjoni, Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Rom, korpi tal-konsumatur, u mekkaniżmi indipendenti nazzjonali għall-promozzjoni, il-protezzjoni u l-monitoraġġ tal-UNCRPD. Tali kooperazzjoni jenħtieġ li ma tinvolvix l-iskambju ta' data personali (jiġifieri data dwar l-ugwaljanza f'forma li fiha l-individwi jistgħu jiġu identifikati). ***Barra minn hekk, kwalunkwe involviment tal-korpi tal-ugwaljanza fi kwistjonijiet relatati mal-post tax-xogħol jenħtieġ li jirrispetta l-awtonomija, il-kompetenzi u l-prerogattivi tas-sħab soċjali u l-kompetenzi rikonoxxuti tal-aġenziji tal-gvern kollha rilevanti, inkluż l-ispettorati tax-xogħol, il-qrati nazzjonali u t-tribunali statutorji, f'konformità mad-dritt u l-prattika nazzjonali. Madankollu, l-eżistenza tagħhom jenħtieġ li ma twaqqafx lill-korpi tal-ugwaljanza milli jwettqu l-kompiti tagħhom f'konformità mal-kompetenzi tagħhom.***

Emenda 30

Proposta għal direttiva
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) Il-korpi tal-ugwaljanza ma jistgħux jaqdu bis-sħiħ ir-rwol tagħhom bħala esperti fi trattament ugwali jekk ma jiġux ikkonsultati kmieni biżżejjed matul il-proċess tat-tfassil tal-politika dwar materji relatati mad-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw mid-Direttivi 2006/54/KE u 2010/41/UE. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu proċeduri trasparenti biex jiżguraw li l-konsultazzjoni ssir fil-ħin. Jenħtieġ li dawn jippermettu wkoll lill-korpi tal-ugwaljanza jagħmlu rakkomandazzjonijiet u ***jippubblikawhom***.	(39) Il-korpi tal-ugwaljanza ma jistgħux jaqdu bis-sħiħ ir-rwol tagħhom bħala esperti fi trattament ugwali jekk ma jiġux ikkonsultati kmieni biżżejjed matul il-proċess tat-tfassil tal-politika dwar materji relatati mad-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw mid-Direttivi 2006/54/KE u 2010/41/UE. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu proċeduri trasparenti biex jiżguraw li l-konsultazzjoni ssir fil-ħin. Jenħtieġ li dawn jippermettu wkoll lill-korpi tal-ugwaljanza jagħmlu ***u jippubblikaw*** rakkomandazzjonijiet u ***jenħtieġ li jkunu jistgħu jitolbu li l-awtoritajiet u l-uffiċjali jwieġbu fi żmien raġonevoli***.

Emenda 31

Proposta għal direttiva
Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40) Id-data dwar l-ugwaljanza hija kruċjali għas-sensibilizzazzjoni, biex tissensitizza n-nies, biex tiġi kkwantifikata d-diskriminazzjoni, jintwerew ix-xejriet maż-żmien, tiġi pprovata l-eżistenza ta' diskriminazzjoni, tiġi evalwata l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-ugwaljanza, tintwera l-ħtieġa ta' azzjoni pożittiva, u jingħata kontribut għat-tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza[75] . Il-korpi tal-ugwaljanza għandhom rwol x'jaqdu fil-kontribut għall-iżvilupp ta' data rilevanti dwar l-ugwaljanza għal dawk l-għanijiet, pereżempju billi jorganizzaw diskussjonijiet regolari li jiġbru l-entitajiet rilevanti kollha. Jenħtieġ li jiġbru u janalizzaw ukoll data dwar l-attivitajiet tagħhom stess jew iwettqu stħarriġ u jenħtieġ li jkunu jistgħu jaċċessaw u	(40) Id-data dwar l-ugwaljanza hija kruċjali għas-sensibilizzazzjoni, biex tissensitizza n-nies, biex tiġi kkwantifikata d-diskriminazzjoni, jintwerew ix-xejriet maż-żmien, tiġi pprovata l-eżistenza ta' diskriminazzjoni, tiġi evalwata l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-ugwaljanza, tintwera l-ħtieġa ta' azzjoni pożittiva, u jingħata kontribut għat-tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza[75] . Il-korpi tal-ugwaljanza għandhom rwol x'jaqdu fil-kontribut għall-iżvilupp ta' data rilevanti dwar l-ugwaljanza għal dawk l-għanijiet, pereżempju billi jorganizzaw diskussjonijiet regolari li jiġbru l-entitajiet rilevanti kollha. Jenħtieġ li jiġbru u janalizzaw ukoll data dwar l-attivitajiet tagħhom stess jew iwettqu stħarriġ u jenħtieġ li jkunu jistgħu jaċċessaw u

jagħmlu użu minn informazzjoni statistika miġbura minn entitajiet pubbliċi jew privati oħra, bħall-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika, il-qrati nazzjonali, l-ispettorati tax-xogħol u tal-edukazzjoni, it-trade unions jew l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, dwar il-materji li huma fdati bihom skont id-Direttivi 2006/54/KE u 2010/41/UE. Jenħtieġ li dik l-informazzjoni statistika ma jkun fiha l-ebda data personali.	jagħmlu użu minn informazzjoni statistika miġbura minn entitajiet pubbliċi jew privati oħra, bħall-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika, il-qrati nazzjonali, l-ispettorati tax-xogħol u tal-edukazzjoni, it-trade unions jew l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, dwar il-materji li huma fdati bihom skont id-Direttivi 2006/54/KE u 2010/41/UE. Jenħtieġ li dik l-informazzjoni statistika ma jkun fiha l-ebda data personali ***u jenħtieġ li tkun disponibbli f'format aċċessibbli sabiex tkun tista' tintuża faċilment mill-korpi tal-ugwaljanza***. ***Il-ħidma tal-korpi tal-ugwaljanza fuq id-data dwar l-ugwaljanza jenħtieġ li tqis il-gwida u r-riżorsi eżistenti rigward id-data dwar l-ugwaljanza, inklużi dawk żviluppati fil-qafas tas-Sottogrupp dwar id-Data dwar l-Ugwaljanza tal-Grupp ta' Livell Għoli tal-UE dwar in-Nondiskriminazzjoni, l-Ugwaljanza u d-Diversità.***
[75] Ir-rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità ("id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali") u tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol ("id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi") SWD(2021) 63 final.	[75] Ir-rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità ("id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali") u tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol ("id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi") SWD(2021) 63 final.

Emenda 32

Proposta għal direttiva
Premessa 41

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(41) Minbarra li jippubblikaw rapport annwali dwar l-attivitajiet tagħhom, il-korpi tal-ugwaljanza jenħtieġ li	(41) Minbarra li jippubblikaw rapport annwali dwar l-attivitajiet tagħhom, il-korpi tal-ugwaljanza jenħtieġ li

jippubblikaw ***regolarment*** rapport li jinkludi valutazzjoni ġenerali tas-sitwazzjoni fir-rigward tad-diskriminazzjoni li taqa' taħt il-mandat tagħhom fl-Istati Membri. Dak ir-rapport jenħtieġ li jipprovdi informazzjoni għall-entitajiet pubbliċi u privati u jservi ta' gwida biex jiġu ddeterminati l-prijoritajiet tal-korpi tal-ugwaljanza għall-futur. Ir-rapporti jenħtieġ li ma jkun fihom l-ebda data personali.	jippubblikaw rapport ***kull sentejn*** li jinkludi valutazzjoni ġenerali tas-sitwazzjoni fir-rigward tad-diskriminazzjoni li taqa' taħt il-mandat tagħhom fl-Istati Membri. Dak ir-rapport jenħtieġ li jipprovdi informazzjoni***, rakkomandazzjonijiet u segwitu tagħhom*** għall-entitajiet pubbliċi u privati u jservi ta' gwida biex jiġu ddeterminati l-prijoritajiet tal-korpi tal-ugwaljanza għall-futur. Ir-rapporti jenħtieġ li ma jkun fihom l-ebda data personali. ***Il-korpi għall-ugwaljanza jenħtieġ li jingħataw biżżejjed riżorsi sabiex iwettqu l-kompiti ta' rapportar li jkunu fdati bihom.***

Emenda 33

Proposta għal direttiva
Premessa 42

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(42) Sabiex jiddeterminaw il-viżjoni tagħhom għall-futur u jidentifikaw l-għanijiet u l-objettivi tal-organizzazzjoni tagħhom, il-korpi tal-ugwaljanza jenħtieġ li jadottaw programm pluriennali. Dan jenħtieġ li jippermettilhom jiżguraw il-koerenza tal-linji ta' ħidma differenti tagħhom maż-żmien u jindirizzaw kwistjonijiet sistemiċi ta' diskriminazzjoni li jaqgħu taħt il-mandat tagħhom bħala parti minn pjan ta' azzjoni fit-tul.	(42) Sabiex jiddeterminaw il-viżjoni tagħhom għall-futur u jidentifikaw l-għanijiet u l-objettivi tal-organizzazzjoni tagħhom, il-korpi tal-ugwaljanza jenħtieġ li jadottaw programm pluriennali. Dan jenħtieġ li jippermettilhom jiżguraw il-koerenza tal-linji ta' ħidma differenti tagħhom maż-żmien u jindirizzaw kwistjonijiet ***strutturali jew*** sistemiċi ta' diskriminazzjoni***, inkluż online,*** li jaqgħu taħt il-mandat tagħhom bħala parti minn pjan ta' azzjoni fit-tul. ***Il-kompetenza u s-setgħat marbuta mal-mandati kollha f'tali istituzzjoni jenħtieġ li jiġu armonizzati u msaħħa sabiex kull mandat, sa fejn ikun possibbli, ikun jenħtieġ li jgawdi l-usa' kompetenzi u setgħat disponibbli għal kwalunkwe wieħed mill-mandati l-oħra.***

Emenda 34

Proposta għal direttiva
Premessa 43

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(43) Sabiex tiġi vvalutata l-effettività ta' din id-Direttiva huwa meħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni tagħha u, minbarra l-monitoraġġ tal-konformità, jivvaluta l-effetti prattiċi tagħha. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun responsabbli minn dak il-monitoraġġ u tfassal regolarment rapport ta' applikazzjoni. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-obbligi ta' rapportar tal-Istati Membri skont l-Artikolu 16(2) fir-rigward tal-effetti prattiċi ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ***ta' implimentazzjoni*** biex tistabbilixxi lista ta' indikaturi rilevanti, li abbażi tagħhom jenħtieġ li tinġabar id-data. Jenħtieġ li dan il-monitoraġġ ma jinvolvix l-ipproċessar ta' data personali.	(43) Sabiex tiġi vvalutata l-effettività ta' din id-Direttiva huwa meħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni tagħha u, minbarra l-monitoraġġ tal-konformità, jivvaluta l-effetti prattiċi tagħha. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun responsabbli minn dak il-monitoraġġ u tfassal regolarment rapport ta' applikazzjoni ***kull tliet snin abbażi tal-informazzjoni li tasal mingħand l-Istati Membri u data rilevanti addizzjonali miġbura fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni, mingħand korpi tal-ugwaljanza u partijiet ikkonċernati oħra, mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali u mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi***. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-obbligi ta' rapportar tal-Istati Membri skont l-Artikolu 16(2) fir-rigward tal-effetti prattiċi ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ***delegati*** biex tistabbilixxi lista ta' indikaturi rilevanti, li abbażi tagħhom jenħtieġ li tinġabar id-data. ***Ir-rapport jista' jkun fih valutazzjoni speċifika biex jiġi evalwat il-funzjonament indipendenti tal-korpi ta' ugwaljanza.***Jenħtieġ li dan il-monitoraġġ ma jinvolvix l-ipproċessar ta' data personali. ***Jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu ppreżentati lmenti ta' interferenza allegatament mhux ġustifikata mill-indipendenza tal-korpi tal-ugwaljanza lill-Kummissjoni.***

Emenda 35

Proposta għal direttiva
Premessa 44

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(44) Din id-Direttiva tistabbilixxi r-rekwiżiti minimi***, u b'hekk tagħti lill-Istati***	(44) Din id-Direttiva tistabbilixxi r-rekwiżiti minimi ***u għalhekk l-Istati***

Membri ***l-għażla li*** jdaħħlu jew iżommu dispożizzjonijiet aktar favorevoli. Jenħtieġ li l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva ma ***sservix*** biex tiġġustifika xi regressjoni relatata mas-sitwazzjoni li diġà teżisti f'kull Stat Membru.	Membri ***huma mħeġġa*** jdaħħlu jew iżommu dispożizzjonijiet aktar favorevoli. Jenħtieġ li l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva ***fl-ebda ċirkostanza*** ma ***sservi*** biex tiġġustifika xi regressjoni relatata mas-sitwazzjoni li diġà teżisti f'kull Stat Membru.

Emenda 36

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Din id-Direttiva tistabbilixxi rekwiżiti minimi għall-funzjonament tal-korpi tal-ugwaljanza biex ittejjeb l-effettività tagħhom u tiggarantixxi l-indipendenza tagħhom sabiex tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali kif derivat mid-Direttivi 2006/54/KE u 2010/41/UE.	1. Din id-Direttiva tistabbilixxi rekwiżiti minimi għall-funzjonament tal-korpi tal-ugwaljanza biex ittejjeb l-effettività tagħhom ***kemm de jure kif ukoll de facto*** u tiggarantixxi l-indipendenza tagħhom sabiex tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali kif derivat mid-Direttivi 2006/54/KE u 2010/41/UE.

Emenda 37

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-obbligi mqiegħda fuq l-Istati Membri u l-kompiti tal-korpi tal-ugwaljanza skont din id-Direttiva għandhom ikopru d-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw mid-Direttivi 2006/54/KE u 2010/41/UE.	2. L-obbligi mqiegħda fuq l-Istati Membri u l-kompiti tal-korpi tal-ugwaljanza skont din id-Direttiva għandhom ikopru d-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw mid-Direttivi 2006/54/KE u 2010/41/UE***, kif ukoll każijiet ta' diskriminazzjoni strutturali jew sistemika fis-setturi privati u pubbliċi, inkluż fl-edukazzjoni, fit-taħriġ, fl-akkomodazzjoni, fis-saħħa, fil-protezzjoni soċjali u fl-infurzar tal-liġi***.

Emenda 38

Proposta għal direttiva
Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a
	Definizzjonijiet
	1. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
	(a) "diskriminazzjoni strutturali jew sistemika" tfisser ir-regoli, in-normi, ir-rutini, it-tendenzi ta' attitudnijiet u l-imġiba f'istituzzjonijiet u strutturi oħra tas-soċjetà li, konxjament jew inkonxjament, jostakolaw lil gruppi jew individwi milli jaċċessaw l-istess drittijiet u opportunitajiet bħall-oħrajn u li jikkontribwixxu għal riżultati anqas favorevoli għalihom milli għall-maġġoranza tal-popolazzjoni;
	(b) "diskriminazzjoni intersezzjonali" tfisser is-sitwazzjoni fejn id-diskriminazzjoni sseħħ abbażi ta' żewġ raġunijiet jew aktar protetti bid-Direttivi 79/7/KEE, 2000/43/KE, 2000/78/KE, 2004/113/KE, 2006/54/KE u 2010/41/UE, li joperaw u jinteraġixxu ma' xulxin fl-istess ħin b'tali mod li jkunu inseparabbli, u jipproduċu forom distinti u speċifiċi ta' diskriminazzjoni.

Emenda 39

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ħatra ta' korpi tal-ugwaljanza	Ħatra ***u struttura*** ta' korpi tal-ugwaljanza

Emenda 40

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jaħtru korp wieħed jew aktar (minn hawn 'il quddiem imsejħa "korpi tal-ugwaljanza") biex jeżerċitaw il-kompetenzi stabbiliti f'din id-Direttiva.	L-Istati Membri għandhom jaħtru korp wieħed jew aktar (minn hawn 'il quddiem imsejħa "korpi tal-ugwaljanza") ***u jipprovdu r-riżorsi meħtieġa għalihom*** biex jeżerċitaw il-kompetenzi stabbiliti f'din id-Direttiva.

Emenda 41

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-korpi tal-ugwaljanza jistgħu jkopru raġunijiet uniċi jew multipli. Fil-każ ta' korp tal-ugwaljanza fuq diversi livelli, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li ssir enfasi ċara u xierqa fuq kull waħda mir-raġunijiet. Il-kompetenza u s-setgħat marbuta mal-mandati kollha f'tali istituzzjoni għandhom jiġu armonizzati u msaħħa sabiex kull mandat għandu, sa fejn ikun possibbli, igawdi l-usa' kompetenzi u setgħat disponibbli għal kwalunkwe wieħed mill-mandati l-oħra.

Emenda 42

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-korpi tal-ugwaljanza jistgħu jifformaw parti minn aġenziji b'responsabbilità ***għad-difiża*** tad-drittijiet tal-bniedem ***jew għas-salvagwardja tad-drittijiet tal-individwi*** fuq livell nazzjonali.	***2.*** Il-korpi tal-ugwaljanza jistgħu jifformaw parti minn aġenziji b'responsabbilità ***għall-protezzjoni u l-promozzjoni*** tad-drittijiet tal-bniedem fuq livell nazzjonali***, sakemm dan ma jimminax il-kapaċità tal-korp tal-ugwaljanza jew tal-aġenzija rilevanti li twettaq il-ħidma tagħha. Tali struttura***

	għandha tiżgura l-viżibbiltà u l-involviment tal-korp tal-ugwaljanza fl-istadji kollha u għandha tippermetti trasparenza u responsabbiltà sħaħ fil-proċess.

Emenda 43

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-korpi tal-ugwaljanza għandhom jiżguraw bilanċ bejn il-ġeneri fil-pożizzjonijiet ta' tmexxija u ta' maniġment superjuri u għandhom jiġu mħeġġa jirriflettu d-diversità tas-soċjetà inġenerali.

Emenda 44

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw li l-korpi tal-ugwaljanza jkunu indipendenti u ħielsa minn influwenza esterna fit-twettiq tal-kompiti tagħhom u fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħhom, b'mod partikolari ***fir-rigward*** tal-istruttura legali, ir-responsabbiltà, il-baġit, il-persunal ***u l-kwistjonijiet organizzattivi tagħhom***.	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw li l-korpi tal-ugwaljanza jkunu ***kompletament*** indipendenti***, awtonomi*** u ħielsa minn influwenza esterna fit-twettiq tal-kompiti tagħhom***, fid-deċiżjoni dwar il-programm ta' ħidma, l-azzjonijiet tagħhom*** u fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħhom, b'mod partikolari ***fit-termini*** tal-istruttura legali, ir-responsabbiltà, il-baġit, il-persunal ***u l-funzjonijiet ta' teħid tad-deċiżjonijiet***. ***Il-korpi tal-ugwaljanza ma għandhomx jiġu stabbiliti bħala parti minn ministeru jew korp li jieħu istruzzjonijiet direttament mill-gvern.***

Emenda 45

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jipprevedu regoli u salvagwardji trasparenti dwar l-għażla, il-ħatra, ir-revoka u l-kunflitt ta' interess potenzjali tal-persunal tal-korpi tal-ugwaljanza, b'mod partikolari persuni li jkollhom ***pożizzjoni*** maniġerjali, sabiex jiggarantixxu l-kompetenza u l-indipendenza ***tagħhom***.	2. L-Istati Membri għandhom jipprevedu regoli u salvagwardji trasparenti ***u ċari*** dwar l-għażla, il-ħatra, ***il-promozzjoni,*** ir-revoka u l-kunflitt ta' interess potenzjali tal-persunal ***u tal-membri tal-bord*** tal-korpi tal-ugwaljanza***. Dawk ir-regoli u s-salvagwardji għandhom jikkonċernaw***, b'mod partikolari***,*** persuni li jkollhom ***pożizzjonijiet*** maniġerjali, ***u jiżguraw proċeduri trasparenti, ibbażati fuq il-kompetenza u parteċipatorji*** sabiex jiggarantixxu l-kompetenza***, l-awtonomija*** u l-indipendenza***, b'mod partikolari fir-rigward tal-evitar ta' kwalunkwe interferenza mill-gvern***.

Emenda 46

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ salvagwardji ***xierqa***, b'mod partikolari fl-istruttura interna tal-korpi tal-ugwaljanza, biex jiġi garantit l-eżerċizzju indipendenti tal-kompetenzi tagħhom, b'mod partikolari fejn xi wħud jeħtieġu imparzjalità u oħrajn jiffukaw fuq l-appoġġ għall-vittmi.	3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ salvagwardji ***adegwati u suffiċjenti***, b'mod partikolari fl-istruttura interna tal-korpi tal-ugwaljanza, biex jiġi garantit l-eżerċizzju indipendenti tal-kompetenzi ***kollha, filwaqt li xorta jinkoraġġixxu l-koerenza*** tagħhom, b'mod partikolari fejn xi wħud jeħtieġu imparzjalità u oħrajn jiffukaw fuq l-appoġġ għall-vittmi***, filwaqt li jippermettu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni fost il-mandati u l-persunal kondiviż sabiex jiġu promossi l-koerenza u l-effiċjenza***.

Emenda 47

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu fis-seħħ salvagwardji ***xierqa*** fl-istruttura interna tal-korpi b'diversi mandati biex jiggarantixxu l-eżerċizzju awtonomu tal-mandat tal-ugwaljanza.	4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu fis-seħħ salvagwardji ***adegwati u suffiċjenti*** fl-istruttura interna tal-korpi b'diversi mandati biex jiggarantixxu l-eżerċizzju awtonomu tal-mandat tal-ugwaljanza.

Emenda 48

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Il-korpi tal-ugwaljanza li huma korpi b'diversi mandati jistgħu jieħdu passi biex joħolqu struttura interna li tiggarantixxi l-eżerċizzju awtonomu tad-diversi mandati tagħhom, jekk ikun xieraq.

Emenda 49

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4b. Il-korpi tal-ugwaljanza għandu jkollhom id-dritt li jagħmlu dikjarazzjonijiet pubbliċi u jfasslu u jippubblikaw riċerka, rakkomandazzjonijiet u rapporti mingħajr permess minn qabel, approvazzjoni mill-gvern jew minn kwalunkwe istituzzjoni jew parti esterna, jew notifiki lilhom.

Emenda 50

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull korp tal-ugwaljanza jingħata r-riżorsi umani, tekniċi ***u*** finanzjarji meħtieġa biex iwettaq il-kompiti kollha tiegħu u biex jeżerċita l-kompetenzi kollha tiegħu b'mod effettiv, għar-raġunijiet kollha u fl-oqsma kollha koperti mid-Direttivi 2006/54/KE u 2010/41/UE ***inkluż fil-każ ta' żidiet fil-kompetenzi, żidiet fl-ilmenti, spejjeż ta' litigazzjoni u l-użu ta' sistemi awtomatizzati***.	1. L-Istati Membri għandhom***, f'konformità mal-proċessi baġitarji nazzjonali tagħhom,*** jiżguraw li kull korp tal-ugwaljanza jingħata r-riżorsi umani, tekniċi***,*** finanzjarji ***u esperti*** meħtieġa biex iwettaq il-kompiti kollha tiegħu u biex jeżerċita l-kompetenzi kollha tiegħu b'mod effettiv ***u b'impatt reali***, għar-raġunijiet kollha u fl-oqsma kollha koperti mid-Direttivi 2006/54/KE u 2010/41/UE.

Emenda 51

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-allokazzjoni baġitarja għall-korpi tal-ugwaljanza tkun stabbli, ippjanata fuq bażi pluriennali u b'kontinġenza suffiċjenti fiha biex tippermetti kostijiet imprevedibbli. It-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' tali riżorsi għall-korpi tal-ugwaljanza bl-ebda mod ma joħloq xi obbligu, kemm jekk impliċitu kif ukoll dirett, fuq il-korp tal-ugwaljanza lejn l-Istat Membru, il-gvern jew l-entità ministerjali tiegħu li tipprovdi tali riżorsi.

Emenda 52

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fil-każ ta' żidiet fil-kompetenzi,

fl-ilmenti jew fil-kostijiet tal-litigazzjoni, jew f'kostijiet oħra relatati, il-korpi tal-ugwaljanza jkunu mgħammra b'persunal kwalifikat, b'servizzi u b'riżorsi diġitali meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti tagħhom, inkluż ir-riċerka, il-monitoraġġ, ir-rapportar u l-użu ta' sistemi awtomatizzati. Għal dan il-għan, il-korpi tal-ugwaljanza għandhom ikunu mgħammra biż-żieda meħtieġa fil-baġit tagħhom. Ma għandu jkun hemm l-ebda tnaqqis fil-baġit tal-korpi tal-ugwaljanza.

Emenda 53

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1c. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi tal-ugwaljanza jkunu jistgħu jipprovdu feedback lil Equinet biex jippermettu l-konsultazzjoni tiegħu skont l-Artikolu 13 ta' din id-Direttiva dwar il-leġiżlazzjoni, il-politika, il-proċeduri u l-programmi fil-livell tal-Unjoni.

Emenda 54

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1d. L-Istati Membri għandhom jiżguraw allokazzjoni baġitarja dedikata u indipendenti biex tkopri l-kostijiet tal-litigazzjoni, li jridu jiġu aġġustati kull sena abbażi tal-volum attwali tal-litigazzjoni mill-korp tal-ugwaljanza, u li għandhom jiġu kofinanzjati b'mod sinifikanti mill-programmi ta' finanzjament tal-UE.

Emenda 55

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jadottaw strateġija biex ***iqajmu*** kuxjenza fost il-popolazzjoni ġenerali, fit-territorju kollu tagħhom, b'attenzjoni partikolari għall-individwi u l-gruppi f'riskju ta' diskriminazzjoni, dwar id-drittijiet skont id-Direttivi 2006/54/KE u 2010/41/UE u dwar l-eżistenza ***ta' korpi*** tal-ugwaljanza u s-servizzi tagħhom;	(a) jadottaw strateġija ***nazzjonali f'konsultazzjoni mar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, u mas-sħab soċjali*** biex ***b'mod regolari jinfurmaw u jqajmu*** kuxjenza fost il-popolazzjoni ġenerali, fit-territorju kollu tagħhom, b'attenzjoni partikolari għall-individwi u l-gruppi f'riskju ta' diskriminazzjoni, dwar id-drittijiet skont id-Direttivi 2006/54/KE u 2010/41/UE u ***l-kapaċità li jeżerċitawhom u*** dwar l-eżistenza***, il-kompetenzi, ir-rwol u l-aċċessibbiltà tal-korpi*** tal-ugwaljanza ***differenti*** u s-servizzi tagħhom; ***din l-istrateġija nazzjonali għandha tinkludi kampanji ta' informazzjoni bl-użu ta' għodod ta' komunikazzjoni differenti, inkluż il-midja soċjali; din għandha tinkludi wkoll, iżda ma tkunx limitata għal, pjan ta' tixrid ta' informazzjoni, pariri, taħriġ, appoġġ u gwida, lil individwi ta' kull età, u istituzzjonijiet, kemm privati kif ukoll pubbliċi;***

Emenda 56

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) jiżguraw li l-persunal ta' kull korp tal-ugwaljanza jkun irċieva taħriġ speċifiku għar-raġunijiet kollha ta' diskriminazzjoni msemmija fid-Direttivi 2006/54/KE u 2010/41/UE u fil-forom kollha ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru;

Emenda 57

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiżguraw li l-korpi tal-ugwaljanza jinvolvu ruħhom fil-prevenzjoni tad-diskriminazzjoni u fil-promozzjoni tat-trattament ugwali, ***u*** jadottaw strateġija ***li tiddefinixxi kif se*** jinvolvu ruħhom fid-djalogu pubbliku, jikkomunikaw mal-individwi u l-gruppi f'riskju ta' diskriminazzjoni, jipprovdu taħriġ u gwida, ***u*** jippromwovu ***d-dmirijiet*** ta' ugwaljanza, l-integrazzjoni tal-ugwaljanza u l-azzjoni pożittiva fost l-entitajiet pubbliċi u privati.	(b) jiżguraw li l-korpi tal-ugwaljanza ***jkunu mill-inqas kapaċi li:***
	i) jinvolvu ruħhom fil-prevenzjoni tad-diskriminazzjoni***, inkluż tad-diskriminazzjoni intersezzjonali*** u fil-promozzjoni tat-trattament ugwali,
	ii) jadottaw strateġija ***li tenfasizza l-passi li se jittieħdu biex*** jinvolvu ruħhom fid-djalogu pubbliku,
	iii) jikkooperaw u jikkomunikaw mal-individwi u l-gruppi f'riskju ta' diskriminazzjoni ***u mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u n-nondiskriminazzjoni***,
	iv) jipprovdu ***informazzjoni, parir,*** taħriġ***, appoġġ*** u gwida ***lill-individwi u lill-istituzzjonijiet fis-settur pubbliku u privat dwar il-promozzjoni u l-kisba tal-ugwaljanza u l-prevenzjoni tad-diskriminazzjoni***,
	v) jippromwovu ***u jappoġġjaw l-implimentazzjoni tad-dmirijiet*** ta' ugwaljanza, l-integrazzjoni tal-ugwaljanza u l-azzjoni pożittiva fost l-entitajiet pubbliċi u privati***,***
	vi) iwettqu riċerka dwar id-diskriminazzjoni, inkluża d-diskriminazzjoni strutturali jew sistemika, kif ukoll id-diskriminazzjoni online, li tinkludi d-diskriminazzjoni algoritmika,

	vii) jikkollaboraw bil-provvista ta' taħriġ dwar in-nondiskriminazzjoni u d-drittijiet fundamentali indirizzat lill-persunal tal-awtoritajiet superviżorji biex jiżgura l-applikazzjoni korretta tal-liġi kontra d-diskriminazzjoni u dwar id-drittijiet fundamentali tal-UE, inkluż fi ħdan il-qasam tad-diskriminazzjoni algoritmika.

Emenda 58

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta jagħmlu dan, l-Istati Membri u l-korpi tal-ugwaljanza għandhom iqisu l-aktar għodod u formati ta' komunikazzjoni xierqa għal kull grupp fil-mira. Huma għandhom jiffukaw b'mod partikolari fuq gruppi żvantaġġati li l-aċċess tagħhom għall-informazzjoni jista' jiġi mfixkel, pereżempju mill-istatus ekonomiku, l-età, id-diżabilità, il-litteriżmu, in-nazzjonalità, l-istatus ta' residenza tagħhom jew in-nuqqas ta' aċċess tagħhom għal għodod online.	Meta jagħmlu dan, l-Istati Membri u l-korpi tal-ugwaljanza għandhom iqisu l-aktar għodod u formati ta' komunikazzjoni xierqa għal kull grupp fil-mira. Huma għandhom jiffukaw b'mod partikolari fuq gruppi żvantaġġati li l-aċċess tagħhom għall-informazzjoni jista' jiġi mfixkel, pereżempju mill-istatus ekonomiku, l-età, id-diżabilità, ***il-kundizzjoni tas-saħħa,*** il-litteriżmu, in-nazzjonalità, ***l-etniċità,*** l-istatus ta' residenza tagħhom jew in-nuqqas ta' aċċess tagħhom għal għodod online***, u jqisu l-ħtiġijiet speċifiċi ta' tali gruppi fi Stat Membru partikolari***.

Emenda 59

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Il-Kummissjoni għandha toħroġ linji gwida għal dawn l-istrateġiji sitt xhur wara l-adozzjoni ta' din id-Direttiva, tagħti opinjoni dwar il-kwalità u l-effettività tal-istrateġiji, u timmonitorja l-implimentazzjoni tagħhom, inkluż il-ħruġ ta' rapport biennali dwar il-progress fl-implimentazzjoni tagħhom.

Emenda 60

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Assistenza lill-vittmi	***Appoġġ u*** assistenza lill-vittmi ***tad-diskriminazzjoni***

Emenda 61

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi tal-ugwaljanza jkunu jistgħu jipprovdu assistenza lill-vittmi ***kif stabbilit fil-paragrafi 2 sa 4***.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi tal-ugwaljanza jkunu jistgħu jipprovdu ***appoġġ u*** assistenza ***mingħajr ħlas*** lill-vittmi ***f'konformità ma' din id-Direttiva***.

Emenda 62

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-korpi tal-ugwaljanza għandhom ikunu jistgħu jirċievu lmenti ta' diskriminazzjoni, bil-fomm, bil-miktub u online.	2. Il-korpi tal-ugwaljanza għandhom ikunu jistgħu jirċievu lmenti ta' diskriminazzjoni ***bi kwalunkwe mezz possibbli, inkluż*** bil-fomm, bil-miktub u online.

Emenda 63

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-korpi tal-ugwaljanza għandhom jipprovdu assistenza lill-vittmi***, inizjalment billi jinfurmawhom dwar*** il-qafas legali***, inkluż dwar il-parir*** immirat lejn is-	Il-korpi tal-ugwaljanza għandhom jipprovdu ***appoġġ u*** assistenza lill-vittmi ***li ressqu lment, inkluż appoġġ legali. Il-persunal tal-korpi tal-ugwaljanza għandu***

sitwazzjoni speċifika ***tagħhom***, dwar is-servizzi offruti mill-korp tal-ugwaljanza u l-aspetti proċedurali relatati, kif ukoll ***dwar ir-rimedji disponibbli, inkluża l-possibbiltà*** li tinfetaħ kawża fil-qorti.	***jkun jista' jipprovdi informazzjoni minn sors primarju lill-vittmi u jkun mgħammar b'ħiliet biex jirrikonoxxi ħtiġijiet psikoloġiċi. Il-korpi tal-ugwaljanza għandhom ikunu jistgħu wkoll joffru pariri dwar kif iressqu ilment, inkluż fuq informazzjoni dwar*** il-qafas legali ***u d-drittijiet tagħhom li jinsabu fih, parir*** immirat lejn is-sitwazzjoni speċifika ***u l-ħtiġijiet tal-vittma***, dwar is-servizzi offruti mill-korp tal-ugwaljanza u l-aspetti proċedurali relatati, kif ukoll li tinfetaħ kawża fil-qorti ***u rimedji oħra disponibbli***.

Emenda 64

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-korpi tal-ugwaljanza għandhom joħorġu valutazzjoni preliminari ta' lment ibbażata fuq informazzjoni ppreżentata volontarjament mill-partijiet involuti. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu l-modalitajiet preċiżi li taħthom il-korp tal-ugwaljanza joħroġ tali valutazzjoni preliminari.	***imħassar***

Emenda 65

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-korpi tal-ugwaljanza għandhom ikunu jistgħu joffru lill-partijiet il-possibbiltà li jfittxu soluzzjoni bonarja għat-tilwima tagħhom. Dak il-proċess għandu jkun suġġett għall-qbil tal-partijiet u jista' jkun immexxi mill-korp tal-ugwaljanza nnifsu jew minn entità ddedikata eżistenti oħra, f'liema każ il-korp tal-ugwaljanza jkun jista' jifformula osservazzjonijiet lil dik l-	Il-korpi tal-ugwaljanza għandhom ikunu jistgħu joffru lill-partijiet il-possibbiltà li jfittxu soluzzjoni bonarja għat-tilwima tagħhom***, fil-qorti jew barra minnha***. Dak il-proċess għandu jkun suġġett għall-qbil tal-partijiet u jista' jkun immexxi mill-korp tal-ugwaljanza nnifsu jew minn entità ddedikata eżistenti oħra, f'liema każ il-korp tal-ugwaljanza jkun jista' jifformula

entità. L-involviment f'tali proċess ma għandux jipprevjeni lill-partijiet milli jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' aċċess għall-qorti.

osservazzjonijiet lil dik l-entità. L-involviment f'tali proċess ma għandux jipprevjeni lill-partijiet milli jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' aċċess għall-qorti.

Emenda 66

Proposta għal direttiva
Artikolu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 7a
	Investigazzjonijiet
	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi tal-ugwaljanza jingħataw is-setgħa li jinvestigaw b'mod effettiv, wara lment jew fuq l-inizjattiva tagħhom stess, jekk ikunx seħħ ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali stabbilit fid-Direttivi 2006/54/KE u 2010/41/UE u jfittxu li jindirizzaw kemm id-diskriminazzjoni individwali u strutturali kif ukoll dik sistemika.
	2. L-Istati Membri għandhom jipprevedu qafas li jippermetti lill-korpi tal-ugwaljanza jwettqu investigazzjonijiet ta' sejba tal-fatti, kemm jekk fuq ilment jew fuq inizjattiva tagħhom stess b'suspett raġonevoli, sabiex jiġi żgurat li l-fatti kollha tal-każ jitqiesu għall-finijiet tad-deċiżjoni finali tagħhom. B'mod partikolari, dak il-qafas għandu jiżgura li l-korpi tal-ugwaljanza jkollhom dritt effettiv li jaċċessaw l-informazzjoni meħtieġa biex jistabbilixxu jekk tkunx seħħet diskriminazzjoni.
	3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet pubbliċi u privati, u kwalunkwe parti terza oħra kkonċernata, u l-allegat awtur, ikollhom id-dmir li jikkooperaw mal-korpi tal-ugwaljanza fl-investigazzjonijiet u fis-sejba tal-fatti tagħhom billi jipprovdu l-informazzjoni mitluba, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tad-data ta' kull individwu. Il-

	korpi tal-ugwaljanza għandhom ikunu intitolati li jimponu sanzjonijiet fil-każ li l-evidenza u/jew l-informazzjoni rilevanti li jkunu jeħtieġu ma jiġux ipprovduti lilhom. Is-sanzjonijiet għandhom jiġu imposti biss f'konformità mad-dritt u l-prattika nazzjonali, jekk ma jkun hemm l-ebda raġuni ġustifikata kif xieraq għan-nuqqas ta' għoti tal-evidenza u/jew tal-informazzjoni mitluba u ma tinvolvix data personali.

Emenda 67

Proposta għal direttiva
Artikolu 7b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 7b
	Opinjonijiet u funzjonijiet ta' teħid tad-deċiżjonijiet
	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi tal-ugwaljanza jkollhom mandati adegwati biex jindirizzaw id-diskriminazzjoni b'mod effettiv.
	2. Il-funzjonijiet li jistgħu jkollhom il-korpi tal-ugwaljanza għandhom jinkludu:
	(a) jirċievu, jeżaminaw, jisimgħu u jikkonċiljaw ilmenti individwali u kollettivi ta' diskriminazzjoni u jieħdu deċiżjonijiet dwar dawn l-ilmenti abbażi tal-leġiżlazzjoni rilevanti inkluż id-dispożizzjonijiet dwar l-oneru tal-provi kondiviż;
	(b) jiddeċiedu jekk kienx hemm ksur tal-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni;
	(c) jirreġistraw bil-miktub il-valutazzjoni ta' każ jew investigazzjoni, inkluż li jistabbilixxu l-fatti u konklużjoni motivata dwar l-eżistenza ta' diskriminazzjoni;
	(d) joħorġu deċiżjonijiet legalment vinkolanti, fejn applikabbli, li jirrikjedu azzjoni biex tintemm id-diskriminazzjoni,

tinkiseb ugwaljanza sħiħa, u tiġi evitata d-diskriminazzjoni fil-futur;

(e) japplikaw miżuri biex jirrimedjaw kwalunkwe ksur li jkun instab u biex jipprevjenu aktar każijiet bħal dawn. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi tal-ugwaljanza jkunu jistgħu jistabbilixxu mekkaniżmi xierqa għas-segwitu, bħal obbligi ta' feedback, u għall-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet;

(f) jimponu sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi, f'konformità mad-dritt u l-prattika nazzjonali, bħall-ħlas ta' kumpens kemm għal dannu pekunarju kif ukoll għal dak mhux pekunarju u multi, meta jsibu li kien hemm ksur tal-leġiżlazzjoni dwar in-nondiskriminazzjoni;

(g) joħorġu opinjonijiet u rakkomandazzjonijiet mhux vinkolanti li jirrikjedu azzjoni biex tintemm id-diskriminazzjoni, tinkiseb ugwaljanza sħiħa, u tiġi evitata d-diskriminazzjoni fil-futur;

(h) jiżguraw l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet, tal-opinjonijiet u tar-rakkomandazzjonijiet tagħhom;

(i) jippubblikaw id-deċiżjonijiet, l-opinjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tagħhom mingħajr ma jiżvelaw data personali, inkluż, fejn applikabbli, is-sanzjonijiet imposti.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-liġi nazzjonali tipprevedi dritt ta' appell quddiem il-qrati kontra deċiżjonijiet finali legalment vinkolanti maħruġa mill-korp tal-ugwaljanza.

Emenda 68

Proposta għal direttiva
Artikolu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 8	***imħassar***
Opinjonijiet u deċiżjonijiet	
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta, wara lment jew fuq inizjattiva tagħhom stess, il-korpi tal-ugwaljanza jqisu li l-prinċipju ta' trattament ugwali stabbilit fid-Direttivi 2006/54/KE jew 2010/41/UE seta' nkiser, dawk il-korpi jkollhom is-setgħa li jinvestigaw aktar il-każ.	
2.	
L-Istati Membri għandhom jipprevedu qafas li jippermetti lill-korpi tal-ugwaljanza jwettqu inkjesta.	
B'mod partikolari, dak il-qafas għandu jipprovdi lill-korpi tal-ugwaljanza bi drittijiet effettivi li jaċċessaw l-informazzjoni meħtieġa biex jistabbilixxu jekk tkunx seħħet diskriminazzjoni. Il-qafas għandu jipprevedi wkoll mekkaniżmi xierqa għall-korpi tal-ugwaljanza biex dawn jikkooperaw mal-korpi pubbliċi rilevanti għal dak il-għan.	
3. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu wkoll li l-allegat awtur u kwalunkwe parti terza jkunu marbuta legalment li jipprovdu kwalunkwe informazzjoni u dokumenti mitluba mill-korpi tal-ugwaljanza.	
4.	
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi tal-ugwaljanza jirreġistraw bil-miktub il-valutazzjoni tagħhom tal-każ, inkluż l-istabbiliment tal-fatti u konklużjoni motivata dwar l-eżistenza ta' diskriminazzjoni. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw jekk dan għandux isir permezz ta' opinjonijiet mhux vinkolanti jew permezz ta' deċiżjonijiet eżegwibbli vinkolanti.	
Fejn xieraq, l-opinjonijiet u d-deċiżjonijiet għandhom jinkludu miżuri speċifiċi biex	

jiġi rrimedjat kwalunkwe ksur li jinstab u biex jiġu evitati okkorrenzi ulterjuri. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi xierqa għas-segwitu tal-opinjonijiet, bħall-obbligi ta' feedback, u għall-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet.

Il-korpi tal-ugwaljanza għandhom jippubblikaw sommarji tal-opinjonijiet u tad-deċiżjonijiet tagħhom, mingħajr ma jiżvelaw data personali.

Emenda 69

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi tal-ugwaljanza jkollhom id-dritt li jaġixxu fi proċedimenti tal-qorti ***fi kwistjonijiet amministrattivi u ċivili*** relatati mal-implimentazzjoni tal-prinċipju tat-trattament ugwali stabbilit fid-Direttivi 2006/54/KE u 2010/41/UE f'konformità ***mal-paragrafi 2 sa 5***, mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali dwar l-ammissibbiltà tal-azzjonijiet.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi tal-ugwaljanza jkollhom id-dritt li jaġixxu ***quddiem l-istituzzjonijiet, il-korpi ta' aġġudikazzjoni, inkluż it-tribunali amministrattivi, u*** fi proċedimenti tal-qorti relatati mal-implimentazzjoni tal-prinċipju tat-trattament ugwali stabbilit fid-Direttivi 2006/54/KE u 2010/41/UE f'konformità ***ma' dan l-Artikolu***, mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali dwar l-ammissibbiltà tal-azzjonijiet.

Emenda 70

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Id-dritt li taġixxi fi proċedimenti tal-qorti għandu jinkludi:	2. Id-dritt li taġixxi fi proċedimenti tal-qorti għandu jinkludi ***dan kollu li ġej, iżda ma jkunx limitat għal***:

Emenda 71

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) id-dritt tal-korp tal-ugwaljanza li jaġixxi bħala parti fi proċedimenti dwar l-infurzar jew ir-rieżami ġudizzjarju ta' deċiżjoni meħuda skont l-Artikolu ***8(4)***;	(a) id-dritt tal-korp tal-ugwaljanza li jaġixxi bħala parti fi proċedimenti dwar l-infurzar jew ir-rieżami ġudizzjarju ta' deċiżjoni meħuda skont l-Artikolu ***8(2)***;

Emenda 72

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) id-dritt tal-korp tal-ugwaljanza li jissottometti osservazzjonijiet lill-qorti bħala amicus curiae;	(b) id-dritt tal-korp tal-ugwaljanza li jissottometti osservazzjonijiet lill-qorti***, lill-istituzzjonijiet u lill-korpi ta' aġġudikazzjoni, inkluż it-tribunali amministrattivi,*** bħala amicus curiae***, parti terza jew espert***;

Emenda 73

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) id-dritt tal-korp tal-ugwaljanza li jibda jew jipparteċipa fi proċedimenti f'isem vittma waħda jew diversi vittmi jew b'appoġġ għalihom***;*** f'dan il-każ, ***l-approvazzjoni*** tal-vittmi ***għandha tkun meħtieġa***.	(c) id-dritt tal-korp tal-ugwaljanza li jibda jew jipparteċipa fi proċedimenti ***f'ismu stess, jew*** f'isem vittma waħda jew diversi vittmi jew b'appoġġ għalihom***, b'mod partikolari sabiex tiġi indirizzata diskriminazzjoni strutturali jew sistemika, inkluż online.*** F'dan il-każ, ***il-kunsens infurmat*** tal-vittmi ***għandu jkun meħtieġ***.

Emenda 74

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) id-dritt ta' rikors għal proċessi ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, inkluż ftehimiet bonarji, meta xieraq;

Emenda 75

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cb) id-dritt tal-korp tal-ugwaljanza li jibda proċedimenti tal-qorti f'ismu stess, b'mod partikolari sabiex jindirizza d-diskriminazzjoni strutturali jew sistematika, inkluża online f'każijiet magħżula mill-korp tal-ugwaljanza minħabba l-abbundanza tagħhom, is-serjetà tagħhom jew il-ħtieġa ta' kjarifika legali, skont il-kriterji ppubblikati stabbiliti mill-korp tal-ugwaljanza.

Emenda 76

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2 a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi ta' ugwaljanza jkollhom id-dritt li jimmonitorjaw l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet tal-istituzzjonijiet, tal-korpi ta' aġġudikazzjoni u tal-qrati li jittrattaw l-ugwaljanza, id-diskriminazzjoni u l-intolleranza.

Emenda 77

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi tal-ugwaljanza jkunu jistgħu jimplimentaw sistema li biha l-vittmi ma jkollhomx għalfejn iħallsu għat-tariffi tal-qorti u dawk amministrattivi jew it-tariffi tar-rappreżentanza, b'mod partikolari f'każijiet ta' diskriminazzjoni strutturali jew sistemika, inkluż online, u meta l-każijiet tagħhom jitressqu għal litigazzjoni strateġika.

Emenda 78

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 2c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2c. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi tal-ugwaljanza jkollhom id-dritt li jibdew proċedimenti tal-qorti direttament wara li jużaw is-setgħat ta' investigazzjoni skont l-Artikolu 7a, mingħajr il-ħtieġa li joħorġu opinjoni jew deċiżjoni qabel ma jibdew il-proċedimenti.

Emenda 79

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korp tal-ugwaljanza jkun jista' jibda proċedimenti tal-qorti f'ismu stess, b'mod partikolari sabiex jindirizza d-diskriminazzjoni strutturali u sistematika f'każijiet magħżula mill-korp tal-ugwaljanza minħabba l-abbundanza tagħhom, is-serjetà tagħhom jew il-ħtieġa tagħhom għal kjarifika legali.	***imħassar***

Emenda 80

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, ħlief fil-każijiet imsemmija fil-paragrafi 2(a) u (b), il-korp tal-ugwaljanza ma jippreżentax fil-proċedimenti tal-qorti evidenza li jkun kiseb permezz tal-eżerċizzju tas-setgħat skont l-Artikolu 8(3).	***imħassar***

Emenda 81

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri ***għandhom jiżguraw*** li l-ebda investigazzjoni skont l-Artikolu 8(2) sa (4) ma tinbeda jew titkompla waqt li jkunu pendenti proċedimenti tal-qorti dwar l-istess każ.	5. L-Istati Membri ***jistgħu jipprevedu*** li l-ebda investigazzjoni skont l-Artikolu 8(2) sa (4) ma tinbeda jew titkompla waqt li jkunu pendenti proċedimenti tal-qorti dwar l-istess każ.

Emenda 82

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi tal-ugwaljanza jkunu jistgħu jinvolvu ruħhom fi proċedimenti tal-qorti billi jużaw l-evidenza miġbura skont l-Artikolu 7a(2) u (3) mingħajr il-ħtieġa minn qabel li joħorġu opinjoni jew deċiżjoni vinkolanti.

Emenda 83

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fil-proċeduri msemmija fl-Artikoli 6, 7, 8 u 9, id-drittijiet tad-difiża tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi involuti jkunu protetti kif xieraq. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi tal-ugwaljanza jiggarantixxu l-kunfidenzjalità tax-xhieda u tal-informaturi, u sa fejn ikun possibbli, tal-ilmentaturi.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fil-proċeduri msemmija fl-Artikoli 6, 7***, 7a, 7b***, 8 u 9, id-drittijiet tad-difiża tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi involuti jkunu protetti kif xieraq. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi tal-ugwaljanza jiggarantixxu l-kunfidenzjalità tax-xhieda u tal-informaturi, u sa fejn ikun possibbli, tal-ilmentaturi***, u li jistabbilixxu protezzjonijiet għall-informaturi interni***.

Emenda 84

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu ***8(4)*** għandhom ikunu soġġetti għal rieżami ġudizzjarju, f'konformità mal-liġi nazzjonali.	Id-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu ***7b(1), il-punti (c) sa (g)*** għandhom ikunu soġġetti għal rieżami ġudizzjarju, f'konformità mal-liġi nazzjonali.

Emenda 85

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi tal-ugwaljanza jipprovdu s-servizzi kollha tagħhom mingħajr ħlas għall-ilmentaturi, fit-territorju kollu tagħhom, inkluż f'żoni rurali u remoti.	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi tal-ugwaljanza jipprovdu s-servizzi kollha tagħhom mingħajr ħlas għall-ilmentaturi, fit-territorju kollu tagħhom, ***billi jistabbilixxu uffiċċji lokali u reġjonali, fejn meħtieġ,*** inkluż f'żoni rurali u remoti.

Emenda 86

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ***l-aċċessibbiltà u jipprovdu akkomodazzjoni raġonevoli għall-persuni*** b'diżabilità biex jiggarantixxu l-aċċess ugwali ***tagħhom*** għas-servizzi ***u*** l-attivitajiet kollha tal-korpi tal-ugwaljanza, inklużi l-assistenza lill-vittmi, l-immaniġġjar tal-ilmenti, il-mekkaniżmi ta' soluzzjoni bonarja, l-informazzjoni u l-pubblikazzjonijiet, u l-attivitajiet ta' prevenzjoni, ta' promozzjoni u ta' sensibilizzazzjoni.	3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ***li l-korpi tal-ugwaljanza jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom il-persunal kwalifikat meħtieġ biex jikkollaboraw mal-persuni*** b'diżabilità ***u ma' dawk li jappartjenu għal gruppi oħra f'riskju ta' diskriminazzjoni,*** biex jiggarantixxu l-aċċess ugwali għas-servizzi***,*** l-attivitajiet ***u l-informazzjoni*** kollha tal-korpi tal-ugwaljanza ***f'formati aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità***, inklużi l-assistenza lill-vittmi, l-immaniġġjar tal-ilmenti, il-mekkaniżmi ta' soluzzjoni bonarja, l-informazzjoni u l-pubblikazzjonijiet, u l-attivitajiet ta' prevenzjoni, ta' promozzjoni u ta' sensibilizzazzjoni***, f'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/2102***.

Emenda 87

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi tal-ugwaljanza jkollhom fis-seħħ mekkaniżmi xierqa biex jikkooperaw, fl-oqsma ta' kompetenza rispettivi tagħhom, ma' korpi oħra tal-ugwaljanza ***fl-istess Stat Membru***, ***u ma'*** entitajiet pubbliċi u privati rilevanti, inklużi organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, ***fil-livell nazzjonali, reġjonali, lokali kif ukoll fi Stati Membri oħra u fil-livell tal-Unjoni u internazzjonali***.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi tal-ugwaljanza jkollhom fis-seħħ mekkaniżmi xierqa biex jikkooperaw, fl-oqsma ta' kompetenza rispettivi tagħhom, ma' korpi oħra tal-ugwaljanza, entitajiet pubbliċi u privati rilevanti, ***sħab soċjali u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fi ħdan l-istess Stat Membru*** inklużi ***fil-livell reġjonali u lokali. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi tal-ugwaljanza jkollhom stabbiliti mekkaniżmi xierqa biex jikkooperaw ma' korpi tal-ugwaljanza oħra fl-oqsma ta' kompetenzi rispettivi tagħhom fil-livell tal-Unjoni u internazzjonali, kif ukoll***

	mal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali u man-Network Ewropew tal-Korpi tal-Ugwaljanza (Equinet), organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ***u s-sħab soċjali***.

Emenda 88

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Huma għandhom jiżguraw li l-korpi tal-ugwaljanza jkollhom id-dritt li jagħmlu rakkomandazzjonijiet dwar dawk il-kwistjonijiet***, jippubblikawhom*** u jitolbu feedback mill-awtoritajiet ikkonċernati.	***Il-korpi*** tal-ugwaljanza ***għandu*** jkollhom id-dritt li jagħmlu rakkomandazzjonijiet dwar dawk il-kwistjonijiet u jitolbu feedback mill-awtoritajiet ikkonċernati***, kif ukoll jagħmlu proposti biex titjieb u tiġi aġġornata l-leġiżlazzjoni eżistenti dwar il-promozzjoni tal-ugwaljanza***. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rakkomandazzjonijiet u l-feedback meħtieġ fil-qafas tal-proċedura ta' konsultazzjoni isiru disponibbli għall-pubbliku.***

Emenda 89

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi tal-ugwaljanza jkunu jistgħu jaċċessaw statistika relatata mad-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw mid-Direttivi 2006/54/KE u 2010/41/UE miġbura minn entitajiet pubbliċi u privati inklużi awtoritajiet pubbliċi, trade unions, kumpaniji, u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fejn iqisu li tali statistika tkun meħtieġa biex jagħmlu valutazzjoni ġenerali tas-sitwazzjoni tad-diskriminazzjoni fl-Istat Membru, u biex	3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi tal-ugwaljanza jkunu jistgħu jaċċessaw ***u jingħataw*** statistika relatata mad-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw mid-Direttivi 2006/54/KE u 2010/41/UE miġbura minn entitajiet pubbliċi u privati inklużi awtoritajiet pubbliċi, trade unions, kumpaniji, u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fejn iqisu li tali statistika tkun meħtieġa biex jagħmlu valutazzjoni ġenerali tas-sitwazzjoni tad-diskriminazzjoni fl-Istat

ifasslu r-rapport imsemmi fl-Artikolu 15(c).	Membru, u biex ifasslu r-rapport imsemmi fl-Artikolu 15(c). ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li din id-data tkun ippruvduta f'format aċċessibbli lill-korpi tal-ugwaljanza, sabiex tkun tista' tintużaw minnhom faċilment.***

Emenda 90

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi tal-ugwaljanza jkunu jistgħu jwettqu stħarriġ indipendenti dwar ***id-diskriminazzjoni***.	5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi tal-ugwaljanza jkunu jistgħu jwettqu ***u jkollhom ir-riżorsi umani u finanzjarji meħtieġa biex iwettqu*** stħarriġ***, rapporti u riċerka*** indipendenti dwar ***il-forom kollha ta' diskriminazzjoni, li jinkludu d-diskriminazzjoni intersezzjonali, strutturali jew sistemika, online, kif ukoll jikkummissjonawhom esternament, anke billi jużaw appoġġ espert ippruvdut mill-Istati Membri kompetenti u mill-korpi tal-UE li jittrattaw id-diskriminazzjoni bħall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali jew l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi***.

Emenda 91

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jippubblikaw rapport, b'rakkomandazzjonijiet, tal-anqas kull ***erba' snin***, dwar is-sitwazzjoni tat-trattament ugwali u d-diskriminazzjoni, ***inklużi kwistjonijiet*** strutturali potenzjali, fl-Istat Membru tagħhom.	(c) jippubblikaw rapport, b'rakkomandazzjonijiet, tal-anqas kull ***sentejn***, dwar is-sitwazzjoni ***tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri,*** tat-trattament ugwali u d-diskriminazzjoni, ***inkluż diskriminazzjoni*** strutturali ***jew sistemika*** potenzjali***, kif ukoll kwistjonijiet online***, ***u kwalunkwe azzjoni jew tentattiv li ssir***

	rigressjoni f'dawn l-oqsma u analiżi tal-finanzjament fl-Istat Membru tagħhom. ***Ir-rapport għandu jinkludi wkoll segwitu tar-rakkomandazzjonijiet tal-passat u l-azzjoni meħuda f'dan ir-rigward. Dan ir-rapport għandu jiġi ppreżentat fil-parlament nazzjonali rispettiv u jintbagħat lill-Parlament.***

Emenda 92

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) jinvolvu ruħhom fi djalogu sostenibbli mal-gvern u ma' awtoritajiet oħra li għandhom iqisu r-rakkomandazzjonijiet tal-korpi tal-ugwaljanza dwar il-leġiżlazzjoni, il-politiki, il-proċeduri, il-programmi u l-prattika u jieħdu azzjoni f'ċertu perjodu ta' żmien.

Emenda 93

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' att ***ta' implimentazzjoni***, tistabbilixxi lista ta' indikaturi komuni biex jitkejlu l-effetti prattiċi ta' din id-Direttiva. Meta tħejji l-indikaturi, il-Kummissjoni ***tista'*** titlob il-parir tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali ***u*** tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi. Dawk l-indikaturi għandhom ikopru ***r-riżorsi***, ***il-funzjonament*** indipendenti, l-attivitajiet u l-effettività tal-korpi tal-ugwaljanza, kif ukoll l-iżviluppi fil-mandat, is-setgħat jew l-istruttura tagħhom, filwaqt li jiżguraw il-	1. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' att ***delegat***, tistabbilixxi lista ta' indikaturi komuni ***fil-livell Ewropew*** biex jitkejlu l-effetti prattiċi ta' din id-Direttiva. Meta tħejji l-indikaturi, il-Kummissjoni ***għandha*** titlob il-parir tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali***,*** tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi ***u tan-Network Ewropew tal-Korpi tal-Ugwaljanza (Equinet)***. Dawk l-indikaturi għandhom ikopru ***l-adegwatezza tar-riżorsi***, ***inkluż ir-riżorsi finanzjarji u umani, l-elementi ewlenin tal-funzjonament*** indipendenti, l-

komparabbiltà, l-oġġettività u l-affidabbiltà tad-data miġbura fil-livell nazzjonali.

attivitajiet u l-effettività tal-korpi tal-ugwaljanza, kif ukoll l-iżviluppi fil-mandat, is-setgħat jew l-istruttura tagħhom, filwaqt li jiżguraw il-komparabbiltà, l-oġġettività u l-affidabbiltà tad-data miġbura fil-livell nazzjonali.

Emenda 94

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Sa [***5 snin*** wara d-data tat-traspożizzjoni], u kull ***5 snin*** minn hemm 'il quddiem, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni rilevanti kollha dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, inkluża data dwar l-effetti prattiċi tagħha miġbura abbażi tal-indikaturi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, u b'mod partikolari b'kont meħud tar-rapporti mfassla mill-korpi tal-ugwaljanza skont l-Artikolu 14, il-punti (b) u (c).	2. Sa [***sentejn*** wara d-data tat-traspożizzjoni], u kull ***sentejn*** minn hemm 'il quddiem, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni rilevanti kollha dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, inkluża data dwar l-effetti prattiċi tagħha miġbura abbażi tal-indikaturi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, u b'mod partikolari b'kont meħud tar-rapporti mfassla mill-korpi tal-ugwaljanza skont l-Artikolu 14, il-punti (b) u (c).

Emenda 95

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport dwar l-applikazzjoni u l-effetti prattiċi ta' din id-Direttiva, abbażi tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 u ta' data rilevanti addizzjonali miġbura fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni, b'mod partikolari mill-partijiet ikkonċernati, mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali u mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi.	3. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport dwar l-applikazzjoni u l-effetti prattiċi ta' din id-Direttiva, abbażi tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 u ta' data rilevanti addizzjonali miġbura fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni, b'mod partikolari ***mill-korpi tal-ugwaljanza, min-Network Ewropew tal-Korpi tal-Ugwaljanza (Equinet), mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili,*** mill-partijiet ikkonċernati, mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet

Fundamentali u mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi. ***Ir-rapport jista' jkun fih valutazzjoni speċifika biex jiġi evalwat il-funzjonament indipendenti tal-korpi tal-ugwaljanza. L-ilmenti dwar kwalunkwe interferenza jistgħu jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni li għandha tkompli tinvestiga l-allegazzjonijiet u tevalwahom fir-Rapport annwali tagħha dwar l-Istat tad-Dritt, bħala parti mill-kwistjonijiet istituzzjonali relatati mal-kontrolli u l-bilanċi.***

Emenda 96

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Il-Kummissjoni tista' toħroġ rakkomandazzjonijiet ta' segwitu meta tinnota, bħala parti mill-monitoraġġ tagħha tal-azzjonijiet kontra d-diskriminazzjoni fl-Istati Membri, żviluppi ta' thassib fi Stat Membru.

Emenda 97

Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi tal-ugwaljanza jistgħu jiġbru data personali biss fejn ikun meħtieġ għat-twettiq ***ta' kompitu*** skont din id-Direttiva.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi tal-ugwaljanza jistgħu jiġbru ***u jipproċessaw*** data personali biss fejn ikun meħtieġ għat-twettiq ***tal-kompiti*** skont din id-Direttiva ***u meta l-ġbir u l-ipproċessar tad-data jkunu f'konformità sħiħa mar-Regolament (UE) 2016/679***.

Emenda 98

Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta l-korpi tal-ugwaljanza jipproċessaw kategoriji speċjali ta' data personali, jiġifieri data dwar l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità jew l-orjentazzjoni sesswali, jiġu pprovduti miżuri xierqa u speċifiċi biex jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet fundamentali u l-interessi tas-suġġett tad-data.	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta l-korpi tal-ugwaljanza jipproċessaw kategoriji speċjali ta' data personali ***skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2016/679***, jiġifieri data dwar l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità***, il-ħajja sesswali*** jew l-orjentazzjoni sesswali, ***is-saħħa, id-data bijometrika jew ġenetika, din għandha ssir f'konformità sħiħa mal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2016/679, u li*** jiġu pprovduti miżuri xierqa u speċifiċi biex jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet fundamentali u l-interessi tas-suġġett tad-data ***f'konformità mal-Artikolu 9(2)(g) tar-Regolament (UE) 2016/679***.

Emenda 99

Proposta għal direttiva
Artikolu 20 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn [***18-il*** xahar]. Huma għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan.	L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn [***12-il*** xahar]. Huma għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan.

NOTA SPJEGATTIVA

Il-vittmi kollha tad-diskriminazzjoni jistħoqqilhom protezzjoni, appoġġ u aċċess ugwali għall-ġustizzja. Id-dritt għan-nondiskriminazzjoni huwa minqux fil-Karta u fit-Trattati u jrid jiġi rrispettat bis-sħiħ. Madankollu, ir-rigressjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u drittijiet fundamentali oħra hija evidenti fuq livell globali u qed tiżdied b'pass mgħaġġel, mingħajr eċċezzjoni għall-Ewropa. Issa huwa aktar importanti minn qatt qabel li l-UE twettaq il-mandat tagħha li tiġġieled b'mod attiv u b'mod vigoruż id-diskriminazzjoni. F'dan ir-rigward, it-tisħiħ tar-rwol u l-indipendenza tal-korpi nazzjonali tal-ugwaljanza huwa pass ewlieni lejn Unjoni mingħajr diskriminazzjoni.

Waħda minn kull ħames persuni fl-UE tesperjenza diskriminazzjoni jew fastidju minħabba raġunijiet differenti jew minħabba taħlita ta' raġunijiet. Sfortunatament, il-qafas tal-UE kontra d-diskriminazzjoni huwa frammentat, u joħloq "ġerarkija" artifiċjali ta' raġunijiet protetti u jwassal biex il-vittmi ma jkunux protetti b'mod ugwali. Dan jeħtieġ li jiġi solvut b'mod urġenti. Għalhekk, hija ħasra li, minkejja li l-Parlament Ewropew għamel talbiet ripetuti, id-Direttiva orizzontali kontra d-diskriminazzjoni għadha mblukkata mill-Kunsill, u dan ifixkel il-progress biex jinkiseb qafas koerenti kontra d-diskriminazzjoni fil-livell tal-UE. F'dan il-kuntest, id-Direttivi attwali huma opportunità biex jiżdiedu l-ambizzjonijiet u jiġu żgurati protezzjoni b'saħħitha kontra d-diskriminazzjoni u appoġġ għall-vittmi fl-Istati Membri kollha.

Il-korpi tal-ugwaljanza għandhom rwol fundamentali fl-avvanz tal-ugwaljanza u fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni. B'mod partikolari, huma kruċjali biex jipprovdu appoġġ u assistenza lill-vittmi, iqajmu kuxjenza, iwettqu stħarriġ, rapporti u riċerka indipendenti, jiġbru d-data, jimmonitorjaw ix-xejriet, ifasslu rakkomandazzjonijiet u jiżguraw l-implimentazzjoni tal-liġi tal-UE kontra d-diskriminazzjoni fil-livell nazzjonali. In-nuqqas ta' standards vinkolanti fir-rigward tal-mandat tagħhom ikkontribwixxa għall-protezzjoni mhux ugwali kontra d-diskriminazzjoni fi Stati Membri differenti. Standards minimi vinkolanti għall-korpi tal-ugwaljanza jiżguraw li jinkiseb il-potenzjal sħiħ tagħhom.

Bid-Direttivi l-ġodda, il-kompetenzi minimi tal-korpi tal-ugwaljanza jridu jissaħħu b'mod sinifikanti. Dawn iridu jiġu ggarantiti indipendenza u awtonomija sħiħa u għandha tiġi żgurata l-protezzjoni kontra t-tnaqqis fil-baġit u l-influwenza tal-Istat. Barra minn hekk, il-korpi tal-ugwaljanza jeħtiġilhom jingħataw kompetenzi fit-teħid tad-deċiżjonijiet, inkluż id-dritt li jirċievu lmenti, setgħat ta' investigazzjoni u litigazzjoni, u s-setgħa li jimponu sanzjonijiet proporzjonati u dissważivi. Il-korpi tal-ugwaljanza għandhom ikunu jistgħu wkoll jieħdu deċiżjonijiet legalment vinkolanti u jipprovdu opinjonijiet mhux vinkolanti, kif ukoll li joħorġu b'rakkomandazzjonijiet u jwettqu monitoraġġ ta' segwitu.

Il-korpi tal-ugwaljanza għandu jkollhom id-dritt li jinvolvu ruħhom, fuq inizjattiva tagħhom stess, fil-kwistjonijiet kollha li jaqgħu taħt il-mandat tagħhom. Dan jinkludi li jindirizzaw id-diskriminazzjoni strutturali. In-nuqqas ta' dispożizzjonijiet nazzjonali relatati mad-diskriminazzjoni strutturali, flimkien ma' setgħat limitati ta' litigazzjoni, ifixkel il-kapaċità tal-korpi tal-ugwaljanza li jaġixxu u li tiġi żviluppata ġurisprudenza ġdida. Peress li n-nies

esposti għad-diskriminazzjoni spiss jitqiegħdu f'sitwazzjoni vulnerabbli u ma jkunux jistgħu jindirizzaw id-diskriminazzjoni strutturali waħedhom, huwa importanti li l-korpi tal-ugwaljanza jkollhom id-dritt li jwettqu investigazzjonijiet, jiġbru evidenza u jibdew proċedimenti tal-qorti fuq inizjattiva tagħhom stess u f'isimhom stess sabiex jesponu u jindirizzaw in-normi u l-proċessi, xi drabi inviżibbli, fl-istituzzjonijiet li jispiċċaw jaggravaw l-inugwaljanzi eżistenti.

Huwa importanti wkoll li jiġi mmonitorjat l-iżvilupp mgħaġġel tat-teknoloġiji diġitali, inkluża l-IA. Hemm evidenza mifruxa tar-riskji li jirriżultaw minn tali sistemi għal individwi minn gruppi vulnerabbli, peress li t-teknoloġiji xprunati mill-big data u mill-intelliġenza artifiċjali qed isaħħu l-inugwaljanza, id-diskriminazzjoni, l-esklużjoni u l-faqar. Minħabba din ir-raġuni, huwa essenzjali li l-korpi tal-ugwaljanza jkunu mgħammra b'persunal kwalifikat biex jitfgħu dawl fuq id-diskriminazzjoni online u jindirizzawha, inkluża d-diskriminazzjoni algoritmika.

Id-Direttiva trid tinvolvi kapaċità għall-korpi tal-ugwaljanza biex jindirizzaw id-diskriminazzjoni intersezzjonali. Il-korpi tal-ugwaljanza għandhom japplikaw perspettiva intersezzjonali fil-kompiti kollha tagħhom. L-indirizzar tad-diskriminazzjoni minn perspettiva intersezzjonali huwa kruċjali biex jiġu koperti kif xieraq il-forom distinti u speċifiċi ta' diskriminazzjoni li jiffaċċjaw il-vittmi abbażi ta' żewġ raġunijiet jew aktar. F'dan ir-rigward, u f'konformità mal-ġurisprudenza tal-QĠUE, il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva għandu jkun wiesa' kemm jista' jkun. L-Istati Membri għandhom jippromwovu u jiffinanzjaw il-korpi tal-ugwaljanza biex ikopru r-raġunijiet kollha ta' diskriminazzjoni, f'konformità mal-klawżola miftuħa tal-Artikolu 21 tal-Karta. L-ugwaljanza bejn il-ġeneri ma tistax tinkiseb jekk it-tipi multipli u intersezzjonali kollha ta' diskriminazzjoni, intenzjonata u mhux intenzjonata, fil-forom individwali, strutturali, istituzzjonali u storiċi tagħhom, ma jkunux ġew eradikati.

Il-korpi tal-ugwaljanza jwettqu l-ħidma tagħhom f'ambjent dejjem aktar diffiċli, bi trattament, politiki u azzjonijiet diskriminatorji li qed jiġu normalizzati b'mod inaċċettabbli fis-soċjetajiet tagħna. Minkejja l-kuntest diffiċli tagħhom, dawn diġà wrew il-potenzjal enormi tagħhom. Issa rridu nipprovdulhom l-għodod meħtieġa biex jiġġieldu b'mod vigoruż il-forom kollha ta' diskriminazzjoni. Ma għandniex ħin x'naħlu.